MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tal-21 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 17/2008

Judith Nicola Cordina u b'digriet tas-7 ta' Jannar 2015 l-isem u kunjom l-attrici ghandhom jibdew jinqraw

**Nicola Portelli**

**Vs**

**Michael Angelo Cordina**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ta' l-attrici li permezz tieghu kkonfermat illi hija twieldet fit-30 ta' Jannar 1989 u hija bint l-intimat.

Illi sa minn eta' zghira hafna, ir-rikorrenti tiftakarha titrabba f'ambjent abbuziv u nfelici. Kienet tara lil ommha Rose Grech, mhedda, mghajjra u fizikament immaltrattata kontinwament mill-intimat. Ommha tahdem minn fil-ghodu sa tard bil-lejl u l-intimat paxxut id-dar aktar sick milli xoghol, jordna u jiddetta bla ma qatt jerfa' jdejh biex jghin fil-qadi tal-familja.

Illi l-intimat missierha qatt ma tafu juriha sapport, affezzjoni jew imhabba; anzi ta' spiss kien ifakkarha u jinsisti maghha illi hija ma kinitx it-tifla tieghu. Kien ukoll jheddidha li jaqlaghlha ghajnejha u jghajjarha hoxna, katuba u sitt xaham f'karta. L-intimat kien sahansitra jghidilha illi hi kienet l-aktar wild ikrah li huwa kellu u li kienet capsa ma tiswa ghal xejn. It-tghajjir kien ikun kontinwu, irrepetut, sahansitra jiehu forma ta' poezija kantata, bhal "hoxna, hoxna, qisek katuba, par widnejn qishom qlugh, b'imniehru catt, b'denbu nnukklat, ghall-qatla jehduh". Dan it-tghajjir kien jigi rrepetut fil-prezenza tar-rikorrenti ghal tul ta' hin tant illi bdiet temmen illi hija veru kienet hoxna u kerha bil-konsegwenza illi kienet u ghadha sal-lum tqatta' sieghat shah tilbes u tinza' quddiem il-mera ghax tara lilha nnifsiha hoxna meta fil-fatt dan m'huwiex minnu.

Illi t-torturi mentali tal-intimat kienu jiehdu hafna forom. Meta r-rikorrenti tfarfret u waslet biex tibda torqod f'kamra ghaliha, huwa kien kontinwament jghidilha li xi hadd kien gej ghaliha f'kamritha, jigifieri kien gej il-hares. Ir-rikorrenti kienet tkun imwerwra x'hin kien jasal il-hin ta' l-irqad u damet snin twal tibza' mid-dlam.

Illi r-rikorrenti, kienet dejjem tixtieq illi jkollha ohtha u lil ommha kienet ta' sikwit titlobha biex ikollhom tarbija ha jkollha ma' min tilghab. Meta mbaghad ommha harget tqila b'ohtha Michaela, l-intimat hassar kull sens ta' ferh li r-rikorrenti kellha billi qalilha li meta titwieled, hi Nicola, kienet ser tispicca titkecca minn kamritha u tintbaghat torqod fil-kamra tal-bejt. Din il-kamra, kienet in komuni mal-bqija tas-sidien tal-blokka ta' flats tal-Gvern li jinsabu Tac-Cawla Housing Estate, Victoria. Il-hsieb illi kienet ser tispicca f'din il-kamra kien reali ghar-rikorrenti u kkawzalha hafna anzjeta u hsibijiet hziena kontra t-tarbija li kienet ghadha ma tweldítx. L-intimat kien ukoll jghid lir-rikorrenti illi t-toys kien ser jaghtihom kollha lill-baby u li hi kienet ser titlef l-imhabba ta' ommha. Ir-rikorrenti kienet tisma' dan id-diskors, izzommu f'qalbha u temmnu ghax kien kontinwament irripetut. Barra minn hekk, minn eta' zghira kienet marbuta hafna ma' ommha u dan l-intimat kien jafu sewwa. Il-hsieb illi kienet ser titlef l-imhabba ta' ommha holqilha sens kbir ta' insikurezza, biza' u mibgheda.

Illi wara li twieldet ohtha, l-intimat mela mohh ir-rikorrenti li t-tarbija kienet se tehdilha postha u li hi Nicola, kienet ser tispicca b'xejn u lanqas x'tiekol ma kien se jibqalha. Kienet ser tiekol hobz niexef u ghadam. Bil-brainwashing kontinwu tieghu rnexxielu jhassar kull sens ta' ghaqda li seta' kien hemm bejn l-ahwa. Ta' tifla li kienet, ir-rikorrenti bdiet issawwat u tahqar lil ohtha. Is-sitwazzjoni tant aggravat illi meta oht ir-rikorrenti Michaela kellha seba' snin, omm ir-rikorrenti hadithom, it-tnejn ghand il-psikoterapisti biex forsi tittaffa' l-problema.

Illi barra minn hekk, sa minn qabel twieldet ohtha, ir-rikorrenti tiftakar tidhol id-dar mill-iskola, tpoggi fuq il-mejda tal-kcina biex tibda taghmel il-homework, u l-intimat jixghel it-television, jiftahlu l-volum gholi hafna u jghajtilha biex tmur tara l-cartoons flimkien mieghu. Kien jghidilha illi ommha kienet tinsisti maghha biex taghmel il-homework u tistudja, sabiex tkun tista' tmur ghall-coffee mornings u ghax ma kinitx thobbha. Ir-rikorrenti kienet iffissata fl-annimali u fil-pets. L-intimat kellu ziemel u bil-hsieb li jhajjarha u din tirrefjuta li tmur l-iskola, kien johrog lil dan iz-ziemel mill-istalla ghas-sebgha ta' filghodu u jghid lir-rikorrenti li huwa kien hiereg u li hija ma setghetx tmur mieghu ghax kellha l-iskola.

Illi ommha nehhietha mill-iskola tal-Gvern u poggietha fl-iskola tal-Knisja u kien fl-ahhar tas-sena skolastika tal-Year 1 illi hija tghalmet tikteb isimha sewwa. Kienet ghalhekk, kontinwament oggett ta' ridikolu ta' shabha minhabba fil-fatt illi kienet batuta fl-iskola. Fil-year 2, ftit li xejn attendiet skola u dana jew ghax kienet tirrifjuta li tmur jew inkella ghax ommha kien ikollha tmur ghaliha u tehodha d-dar ghax ikun hassa hazin. Dawn l-fainting fits kienet taghmilhom biex tkun tista' titlaq mill-iskola u tmur id-dar. Ir-rikorrenti, bil-brainwashing ta' missierha, ikkonvinciet ruhha illi l-iskola post ta' dwejjaq u l-iskop tieghu kien biex titlef lil ommha u ma tgawdix il-pets taghha.

Illi l-intimat kien ukoll jghajjarha illi ma kienet tajba ghal xejn u li ma kienet taf taghmel xejn sewwa. Imbaghad fl-istess nifs kien jghidilha biex titghallem l-iskola biex ma tispiccax bhal-hmar. Hija kellha mohha tajjeb pero' bl-agir ta' l-intimat, bdiet sejra lura fl-istudji taghha u spiccat billi x'hin harget mis-sekondarja, ghaddiet biss minn zewg suggetti tal-livell ordinarju. Kull holma li kellha illi xi darba tilhaq accountant sfaxxaw fix-xejn.

Illi l-intimat kien vjolenti u repettitiv fi kliemu. Ghal kull haga ta' xejn kien ifarrak u jkisser l-ghamara. Ir-rikorrenti kienet toqghod kokka mal-koxxa tal-bieb ta' kamritha tisma' lil missierha jghajjat m'ommha siegha wara l-ohra. Dan it-tghajjir kien ikun bla sens u kontinwu u kien isehh anki f'nofs ta' lejl x'hin omm ir-rikorrenti, wara gurnata xoghol fir-restaurant illi hija ghandha fix-Xlendi, kienet tmur id-dar sabiex torqod.

Illi r-rikorrenti tiftakar car kif lejlja minnhom, ghal xi s-saghtejn ta' fil-ghodu, l-intimat qabad jghajjat u jargumenta fuq zewg tapiti bojod ta' ohtu Tedja. Tant dam jghajjat jargumenta fuq dawn it-tapiti ma' omm ir-rikorrenti, illi ma felhitx tisma' iktar u harget minn kamritha u bdiet titolbu jieqaf jghajjat izda hu dar fuqha u qalilha titlaq 'il hemm ghax kien ser isabbatha ghall-hajt. Waqt dawn ix-xenati omm ir-rikorrenti kient tibqa' siekta u ma tghid xejn u dan il-fatt kien jikkawza hafna ugiegh il-qalb u dispjacir ghall-mohqrija li kienet qeghdha tghaddi minnha ommha.

Illi d-dagha b'Alla u bil-qaddisin kien parti mill-hajja ta' kuljum. Kurcifiss kbir imdendel mal-hajt ta' sikwit kien ikun fil-mira ta' l-intimat. Kien iqatta' tul ta' hin jaqbez quddiemu jidghi bih u jghid illi huwa kien aqwa minnu u li kien ser inizzlu minn hemm.

Illi l-intimat kien dejjem jghajjat mar-rikorrenti u jheddidha. Kien jiehu gost jaraha titkisser mentalment. Kien ixewwixha kontra ohtha u jiehu gost jarahom jiggieldu. Meta xi darba ppruvat tieqaflu, huwa kien idahhal subghajh go ghajnejja biex issikkitha. Kienet tipprova tiddefendi lil ommha mis-swat tal-intimat izda kienet tispicca tissawwat hija wkoll. L-intimat kien sa minn ckunitu dahhlilha f'mohha li jekk taghmel xi haga li ma toghgbux, kien ikollha ssofri l-konsegwenzi, cioe' punishment u wgiegh. Tant mela mohh ir-rikorrenti fuq dan il-fatt illi anke zmien wara li ommha sseparat minn missierha meta kienet thoss illi ghamlet xi haga hazina kienet taghmel affarijiet lilha nnfisha li jgeghluha tbati bhal per ezempju terfa' kaxxi tqal ghal tul ta' hin.

Illi s-swat tal-intimat kien isehh sew fuq ir-rikorrenti, kif ukoll fuq ommha u sahansitra fuq ohtha Michaela. Jum fost l-ohrajn, meta oht ir-rikorrenti kellha biss sentejn, indilket bin-Nivea u l-intimat b'rabja kbira ghal li kienet ghamlet, qabad lit-tifla minn ghonqha u mic-cinta tal-qalziet u sabbatha ghall-art. Dak il-hin, ir-rikorrenti kienet prezenti u tant bezghet illi marret cemplet lil ommha biex titla' ghalihom id-dar ghaliex l-intimat kien ser joqtol lil ohtha.

Illi darba fost l-ohrajn, omm ir-rikorrenti marret ghall-*weekend* break Malta u halliet lir-rikorrenti d-dar ma' hutha u l-intimat. Gara li r-rikorrenti kisret sieqha u spiccat biha fil-gibs. Ommha kienet iccempel id-dar biex tkellem lil uliedha pero' dakinhar missierha gieghlha ma tghidx lil ommha b'li kien gralha. Hi ferm kienet mugugha u l-intimat, biex zgur ma tiftahx qalbha m'ommha, baqa' bil-wieqfa jhares lejha bl-ikrah sakemm hi qatghet il-linja. Omm ir-rikorrenti giet lura minn Malta l-ghada u saret taf biss bl-incident meta waslet id-dar u rat lir-rikorrenti fuq is-sodda.

Illi f'Lulju tas-sena 2001, ir-rikorrenti ma felhitx tissaporti iktar it-torturi ta' l-intimat, u ffaccjat lil ommha b'mistoqsija li kien ilha tberren f'mohha ghal xi zmien; staqsietha jekk kinitx vera thobbha. Ommha wegbitha fl-affermattiv pero' l-attrici wegbitha li jekk veru kienet thobbha kienet titlaq l-intimat missierha u mhux tibqa' tibla' l-pilloli minhabba t-trattament inuman u krudili li kienet qeghdha ssofri taht idejh u li hi, ir-rikorrenti, kienet qeghdha thoss illi ser tispicca tiehu l-pilloli hija wkoll.

Illi ftit wara omm ir-rikorrenti telqet mid-dar matrimonjali u bdiet il-kawza ghas-separazzjoni. Minn dan iz-zmien 'il quddiem l-agir tal-intimat lejn ir-rikorrenti sar aghar milli kien qabel m'ommha telqet mid-dar. L-intimat kellu access ghat-tfal inkluz ir-rikorrenti. It-tliet sieghat ta' access kien iqattahhom jghid lir-rikorrenti kontra ommha. Damet sentejn tmur ghandu ghall-access. Kienet toqghod tisimghu jhewden u jinkorla kontra ommha u dan sabiex ma jaqbadx u jinfexx ma' ohtha Michaela. Ghadda z-zmien u l-intimat spicca marid l-isptar. Fil-fatt kellu bzonn intervent kirurgiku urgenti fuq qalbu. Ir-rikorrenti, marret tarah is-CCU fl-Isptar Generali ta' Ghawdex fuq l-insistenza ta' ommha. Kien ilha ma tarah snin shah u kienet lesta biex taghmel paci mieghu. X'hin l-intimat hareg ikellimha fil-*waiting area* dan ma kellux kliem sabih x'jghidilha, anzi ghamel fuq siegha jghajjat u jghidilha kontra ommha minghajr biss ma rrikonoxxa l-fatt illi r-rikorrenti marret tarah wara tant zmien minghajr kuntatt maghha.

Illi l-intimat kien anke mela mohh ir-rikorrenti illi kien ser ibiegh id-dar matrimonjali li fiha kienet toqghod ommha flimkien ma' hutha. Kien jghidilha li gejjin il-pulizija jitfughhom 'il barra mid-dar u li ma kienx ser ikollhom cans jippakkjaw it-toys u li ha jghixu fit-triq u li lil ommha kienu ser jehduha l-habs. Kien jheddidha wkoll li ser jghalqilhom il-hanut tax-Xlendi u li mbaghad kienu ser jispiccaw jiggerrew fit-triq. Tant kien werwirha li bdiet tibza' toqghod 'il boghod minn ommha ghal tul ta' hin u kull x'hin ihabbat il-bieb tad-dar kienet tibda titrieghed ghax kienet tahseb li gew il-pulizija biex jarrestaw lil ommha u jizgumbrawhom mid-dar.

Illi f'Settembru ta' 1999 inqalghu x'incidenti bejn omm ir-rikorrenti u l-intimat illi fihom kienu ndahlu l-pulizija. L-agir ta' l-intimat lejn ommha illi kienet tqila bit-tieldet wild taghha, minn dakinhar qalbu ghall-ahjar izda l-intimat ittrasferixxa r-rabja u l-mibgheda li kellu lejn martu ghal fuq ir-rikorrenti izjed minn qatt qabel. Saret qisha l-iskjava tieghu; hadet ir-rwol ta' ommha. Fost affarijiet ohra, l-intimat kien joqghod jordnalha ggiblu dik u l-ohra god-dar sabiex hu ma jqumx minn fuq is-sodda u jgibhom hu. Kien igieghlha tlibsu l-kalzetti, tnezzahhomlu u tnezzghalu l-qalziet. Kien ukoll jordnalha tmur iggiblu s-seven up minn gol-garaxx li kien fil-boghod u jghidilha illi x'hin tkun hemmmhekk kien ser jigi ghaliha l-hares. Ghal dan id-diskors ir-rikorrenti kienet titwerwer imma kien ikollha bil-fors tmur iggiblu s-soft drink ghax inkella kienet tbati l-konsegwenzi, barra minn hekk kienet ukoll tiehu hsieb ohtha Michaela li kienet ghadha tarbija sakemm ommha tigi lura mix-

xoghol. Kienet tbiddlilha, titmaghha u taghmel dak kollu li jkun hemm bzonn. Kienet ukoll tipprotegiha mir-rabbja u aggressjoni tal-intimat.

Illi b'konsegwenza tal-agir tal-intimat, ir-rikorrenti m'akkwistatx l-edukazzjoni u b'mod partikolari ma kisbitx il-kwalifiki akkademici li xtaqet u li kienet kapaci tikseb b'dannu kbir ghall-futur lavorattiv taghha u b'telf ta' karriera lukrattiva; kif ukoll giet menomata biologikament u b'mod partikolari psikologikament b'mod permanenti.

Talbet li din il-Qorti:

1. tiddikjara illi matul il-hajja minorenni tar-rikorrenti u cioe' sakemm lahqet l-eta' maggorenni, il-konvenut naqas mill-obbligi tieghu bhala genitur li jiehu hsieb, imantni, jghallem u jeduka lil bintu l-attrici skont il-hila, ix-xehtiet naturali u l-aspirazzjonijiet taghha bi hsara permanenti ghar-rikorrenti.

2. tiddikjara illi anzi mhux talli ma qediex l-obbligi tieghu ta' genitur fuq esposti, talli l-konvenut attivament xekkel l-izvilupp tal-personalita' tal-attrici, it-talenti taghha u l-abbiltajiet mentali taghha b'dannu permanenti ghar-rikorrenti.

3. tiddikjara illi l-intimat abbuza mir-rikorrenti billi assoggettaha ghal tortura fizika u mentali u ghal trattament kiefer, inuman u degredanti b'mod li kkawzalha hsara bijologika u psikologika ta' natura permanenti.

4. tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-agir premess tal-intimat billi tiddikjara li jikkonsistu f'dawk id-danni emergenti u lukri cessanti illi jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza.

5. tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tal-intimat li ghaliha qieghed jigi minn issa stess ingunt.

Rat ir-risposta guramentata ta' Michaelangelo Cordina fejn ikkonferma illi:

1. qabel xejn ir-rikorrenti trid tispecifika l-bazi u t-tip ta' l-azzjoni li hija qed tintenta b'din il-kawza, cioe' jekk hijiex azzjoni taht l-artikolu 2153 tal-Kap 16 jew jekk hijiex xi tip iehor ta' azzjoni *sui generis*. L-esponenti jirriserva li jdahhal twegibiet ulterjuri wara li r-rikorrenti tispecifika t-tip ta' azzjoni li hija qed tintenta b'din il-kawza, b'referenza ghall-artikolu jew artikoli specifici tal-ligi.

2. in linea preliminari wkoll, l-inkompetenza ta' din il-qorti *rationae materiae* billi kompetenti li tisma' u tiddeciedi din il-kawza hija l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri ta' Sezzjoni Generali. Din mhijiex kawza ghall-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni minn dawk kontemplati fl-Ewwel Ktieb Titolu I tal-Kodici Civili, izda kawza ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni minhabba hsara sofferta talli allegatament il-missier naqas mill-obbligi paterni tieghu u l-esponenti qed jifhem li din l-azzjoni tinkwadra ruhha taht l-artikolu 2153 tal-Kap 16.

3. in linea preliminari wkoll l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16. Il-kura u l-kustodja tar-rikorrenti giet assunta esklussivament minn omm ir-rikorrenti fis-sena 2001, permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni li sar fl-atti tan-Nutar Silvio Hili tat-30 ta' Awwissu 2001, u dak iz-zmien ir-rikorrenti kien ghad ghandha hdax-il sena. Minn dak iz-zmien 'il hawn il-missier wettaq l-obbligi tieghu kollha taht dak il-kuntratt u qabel dakinhar wettaqhom ukoll skont il-ligi u dak premess mill-attrici huwa nveritier u m'huwiex assolutament il-kaz. Ghandha ghalhekk twiegeb omm ir-rikorrenti li kienet hi li rabbiet hazin lill-istess rikorrenti kif accennat hawn taht u kif ser jirrizulta f'aktar dettal fil-mori ta' din il-kawza.

4. illi f'din il-kawza hemm l-id mohbija, malinnja, u distruttiva ta' omm ir-rikorrenti, u mart l-esponenti li qeghdha taghmel minn kollox biex taghmel herba shiha mill-familja tal-esponenti u sahansitra taghha stess u tantagonizza lil uliedha taht il-kontroll taghha kontra l-esponenti. Din il-kawza trid tigi ezaminata fid-dawl ta' diversi kawzi ohra (citazzjonijiet numru 12/06 Grech vs Cordina, pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, 6/08 - Grech vs Cordina, pendenti quddiem din il-qorti u 61/07 - Grech vs Avukat Generali et, pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali) li omm ir-rikorrenti qeghdha taghmel kontra l-esponenti f'attentat biex tnehhi l-paternita' legali ta' ibnu Koli u sa lesta biex tiddegrada lil dan it-tifel ghal stat kuntrarju ta' iben illegittimu, bin missier mhux maghruf. L-ghan ewlieni taghha huwa biex l-omm taqta' l-access tal-esponenti ghall-minuri li jinsab regolat bil-kuntratt ta' separazzjoni, b'tant hsara psikologika li l-istess omm ser tikkawza lil dan it-tifel bl-agir irresponsabbli u spensjerat taghha mbasta tissodisfa l-animu u l-pika taghha ghall-esponenti. Omm ir-rikorrenti sa waslet biex iddikjarat bil-miftuh f'dawk il-kawzi li kemm hi u l-esponenti damu flimkien hija wettqet adulterjuri flagranti ma' bosta rgiel tant li dan Koli ma tafx min ta' liema relazzjoni stramaritali kien. Minn dawn

il-kawzi johrog car il-mottiv ta' min imbotta, heggeg u wassal lir-rikorrenti biex issa stitwiet din il-kawza kontra missierha. Ir-rikorrenti tinsab taht il-kontroll assolut ta' ommha u l-omm qed tinqeda b'bintha biex tilhaq l-ghanijiet malinnji taghha, tant li halfet li trid taghmel minn kollox biex tkisser lill-esponenti.

5. illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

6. illi jekk kien hemm min naqas mill-obbligi tieghu ta' genitur fil-familja ma kien hadd ghajr omm ir-rikorrenti, il-mohh wara din il-kawza, li dahlet u ghadha ddahhal lill-familja fi krizijiet kbar, djun kbar minhabba negozju hazin, falliment wiehed wara l-iehor, tant li ghaddiet u ghadha ghaddejja minn kura psikjatrika, il-vizzju ikrah tax-xorb, tant li kellha tiddahhal diversi drabi ghall-kura f'centri ta' riabilitazzjoni kontra l-vizzju tax-xorb u vizzji ohra, relazzjonijiet stramaritali u adulterju flagranti matul il-hajja taz-zwieg tant li hi stess ma tafx tghid mil-liema relazzjoni huwa l-iben Koli. Bla dubbju huwa dan l-ambjent li kellu konsegwenzi fuq l-izvilupp tar-rikorrenti u mhux vici versa. L-esponenti sakemm issepara kien dedikat ghall-familja u ghan-negozju li kellha martu u ma jafx x'inhu ghazz kif lesti u ser jixhdu l-haddiema li qabel mal-genituri tar-rikorrenti sseparaw kienu jahdmu fil-hanut, mid-dar ma hareg qatt hlief ghax-xoghol mal-Gvern u fir-restaurant u lil uliedu rabbihom hu b'ghozza, b'sagrificcju, b'hila u b'dedikazzjoni. Issa omm ir-rikorrenti qed tibqa' taghmel herba shiha u qed izzeffen lil uliedha fil-kwistjoni u din il-pika ilha ghaddejja issa sa minn xi sentejn wara li saret is-separazzjoni u meta qed tara lill-esponenti setiljat flimkien ma' bintu l-ohra Michaela u hi ma tista' ssib paci mkien.

7. salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dokumenti kollha annessi mar-rikors guramentat;

Rat is-sentenza parzjali ta' din il-Qorti diversament preseduta datata 9 ta' Dicembru 2008 fejn b'referenza ghat-tieni eccezzjoni mqajjma mill-konvenut gie dikjarat kif isegwi:

'F'kull kaz, fil-fehma tal-qorti din il-kawza ma kenitx taqa' fil-kategoriji ta' kawzi li ghandhom jinstemghu mis-Sezzjoni familja u kellha tigi assenjata mir-Registratur lis-Sezzjoni Gurisdizzjoni Generali. Kif rajna l-finalita' tal-kawza hi l-likwidazzjoni u rizarciment tad-danni, materja li taqa' taht it-Tieni Ktieb, Taqsima II tal-Kodici Civili.

Ghalhekk ma taqax f'dik il-kategoriji ta' kawzi li ghandhom jinstemghu mis-Sezzjoni Familja.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni b'dan li qeghda tordna li l-kawza tkompli tinstema' mis-Sezzjoni Generali ta' din il-qorti.'

Rat illi l-ewwel (1) u t-tielet (3) eccezzjoni mqajjma mill-konvenut gew irtirati permezz tal-verbal datat 13 ta' Novembru, 2008;

Rat ix-xhieda kollha fl-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat illi fil-verbal tat-28 ta' Mejju 2010 il-partijiet ddikjaraw il-provi taghhom maghluqa salv li l-attrici talbet li jinhatar psikologu mill-qorti biex wara li jezamina lill-attrici u lill-konvenut jirrelata dwar il-hsara psikologika li l-attrici sofriet kawza ta' l-agir tal-konvenut;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 6 ta' Lulju 2010 (fol. 231) tal-process fejn gew nominati l-psikologu Dr. Michael Galea u l-Psikjatra Dr. David Cassar sabiex wara li jezaminaw lill-attrici, jirrelataw:

'(a) Dwar jekk Judith Nicola Cordina hijiex tbati minn xi dizordni emozzjonali u mentali ta' natura permanenti.

(b) Fl-affermattiv: -

I. 'F'hix tikkonsisti tali debilita, x'effett kelha fl-izivilupp taghha u x'effett jista' jkollha fil-futur, u x'inhu l-grad ta' debilita' mill-aspett ta' hajja lavorattiva.

II. Minn x'hiex kienet kagunata din id-debilita, u jispjegaw kif waslu ghal tali konkluzjoni.

Giet ukoll nominata l-Avukat Dr. Simone Grech sabiex tassisti lill-esperti fil-qadi tal-inkarigu taghhom.

Rat illi permezz ta' digriet datat 14 ta' Ottubru 2014 in-nomina tal-espert psikologu inghatat lil Rose Galea.

Rat ir-rapport tal-esperti esebit a fol. 271 *et seq* tal-process;

Rat id-domandi in eskussjoni u r-risposti ghall-istess bil-miktub da parti tal-esperti nominati mill-Qorti a fol. 414 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal tas-7 ta' Mejju 2014 Dr. Mario Scerri ghall-konvenut ddikjara li kien qed jirrinunzja ghat-talba tieghu ghall-hatra ta' periti perizjuri, b'dan illi zamm ferm it-talba tieghu biex jeskuti lill-periti *viva voce*.

Semghet u qrat l-eskussjoni tal-esperti fis-seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014 a fol. 443 *et seq* tal-process;

Rat illi fil-verbal tat-3 ta' Dicembru 2014 l-partijiet regghu ddikjaraw li ma kienx fadlilhom provi u qablu li l-kawza setghet tigi differita ghas-sentenza ghal-lum bil-fakulta lill-partijiet li jiprezentaw noti ta' sottomissjonijiet.

Rat illi permezz ta' digriet ta' din il-Qorti datat 7 ta' Jannar 2015 giet milqugha t-talba sabiex l-okkju tal-kawza jinbidel u jaqra 'Nicola Portelli vs. Michelangelo Cordina';

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut;

Rat illi permezz ta' nota datata 6 ta' April, 2015 l-konvenut rega' rtira l-ewwel u t-tielet eccezzjoni flimkien mar-raba' u s-sitt eccezzjoni liema ecczzjonijiet jitfghu it-tort fuq omm l-attrici filwaqt li zamm ferm biss il-hames eccezzjoni dwar l-infondatezza tat-talbiet fil-fatt u fid-dritt;

**Ikkunsidrat**

**Talbiet**:

Illi permezz ta' din il-kawza l-attrici li tigi bint il-konvenut qeghdha titlob dikjarazzjoni li l-konvenut naqas mill-obbligi tiehgu ta' genitur li jiehu hsieb, imantni, jghallem u jeduka lil bintu l-attrici skont il-hila, ix-xehtiet naturali u aspirazzjonijiet taghha matul is-snin li kienet minorenni kif ukoll li abbuza minnha billi ssogettaha ghall-tortura fizika u mentali u trattament kiefer, inuman u degradanti li wasslu biex l-attrici soffriet debilita' permanenti. L-attrici titlob ukoll il-likwidazzjoni u hlas ta' danni minhabba l-agir ta' missierha fil-konfront taghha.

Illi l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut gew irtirati filwaqt li t-tieni wahda giet michuda. Ir-raba' u s-sitt eccezzjoni gew irtirati fl-ahhar tal-proceduri permezz tan-nota datata 6 ta' April, 2015. Fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut jsostni fil-qosor li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, jsostni li wara l-kawza hemm l-id ta' omm l-attrici li qed taghmel minn kollox biex tnehhi l-access tal-konvenut lejn uliedu minuri u jitlob li l-Qorti tara din il-kawza fl-ottika tad-diversi kawzi ohra li kien hemm bejn il-konvenut u omm l-attrici, illi mill-genituri tal-attrici ma kienx il-konvenut li jahti anzi huwa jsostni li kien minn dejjem ragel biezel u jsostni li kienet l-omm li naqset bhala genitur u jsostni li kienet l-omm li ghaddiet lill-familja minn krizijiet kbar, djun u kienet taht kura psikjatrika u kellha l-vizzju tax-xorb u anki kkommettiet adulterju. F'dan kollu l-konvenut isostni li l-omm dejjem zeffnet lill-ulied fin-nofs. Jirrizulta izda li fil-mument li gew irtirati r-raba u s-sitt eccezzjoni jonqos biss li din il-Qorti tikkunsidra l-hames eccezzjoni li hija wahda genrika ghall-ahhar u ssostni l-infondatezza tal-fatti fil-fatt u fid-dritt. Ciononostante izda fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-konvenut xorta wahda dahal fil-fond dwar l-allegat indhil u manuvri tal-omm f'dawn il-proceduri.

**Fatti:**

Illi l-fatti fil-qosor huma li l-attrici ssostni li sa minn meta kienet zghira hija taf lil missierha li ghalkemm suppost kien jahdem huwa kien bniedem ghazzien ghaliex dejjem tiftakru fis-sodda bis-soft drink hdejh jew jara l-cartoons fuq it-televixin. Tghid li meta kienet zghira kien missierha l-aktar li jiehu hsieb id-dar ghaliex ommha kienet tkun xoghol sa tard bil-lejl fir-*restaurant* tal-familja. L-attrici ssostni li sa minn meta tiftakar missierha kien jirrabja m'ommha u anki maghha u kien anki fisikament vjolenti fil-konfront taghha, ta' ommha u

ohtha Michaela. Tghid li missierha kien jghidilha bosta kliem bhal 'hoxna hoxna qisek katuba' u diversi kliem ohra li lilha kienu jgieghluha thossha inferjuri hafna. Kien ibezzaghha mid-dlam, ma jhallihiex tistudja anzi jarmilha l-kotba minn fuq il-mejda ghal mal-art u sahansitra johrog iz-ziemel filghodu biex ihajjarha ma tmurx skola u toqghod mieghu. Meta l-attrici kellha tmien snin kienet ser titwieled ohtha Michaela u hija tghid li xtaqet li jkollha ohtha izda missierha kien beda jghidilha li issa mhux ser ikun jhobbuha, li ser jaghti kollox lil ohtha u lilha jaghlquha go kamra u jtuha tiekol jekk irid hu. L-attrici spiccat tobghod lil ohtha qabel ma twieldet u sal-lum wara li ghaddew bosta snin ghadhom ma jitkellmux tant li l-attrici qabel izzewget recentement baqghet tghix ma' ommha filwaqt li ohtha Michaela wara li l-partijiet isseparaw lura fis-sena 2001 marret tghix ma' missierha. L-attrici ssostni li minhabba l-mod kif hija giet trattata minn missierha meta kienet zghira hija spiccat tobghod l-iskola, ma tmurx tajjeb fl-iskola tant li sa meta kellha ghoxrin sena kienet ghadha qed tipprova ggib l-O' levels. Hija titfa' l-htija kollha fuq il-mod kif giet trattata minn missierha meta kienet zghira ferm qabel sehhet is-separazzjoni bejn il-partijiet u ssostni li kieku missierha ma ghamilx dak li ghamel hija kienet zgur tmur ahjar fl-edukazzjoni taghha, kienet tattendi l-Universita u kien ikollha xoghol ta' professjonista.

Min-naha tieghu l-konvenut isostni li dak li qed tallega l-attrici huwa kollu inveritier. Jghid li huwa kien jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha ta' uliedu, jichad li kien jitratta l-attrici bil-mod kif issostni hi u jitfa' kwalunkwe htija fuq l-agir ta' martu omm l-attrici. Jichad li huwa qatt sawwat l-attrici jew li kien jghajjat maghha u jsostni li jekk l-attrici ghandha l-problemi dawn huwa rizultat tas-separazzjoni bejn il-parijiet u tal-agir tal-omm u mhux rizultat ta' xi tort imputabbli lilu. Anzi jsostni li l-attrici ma rnexxietx fl-aspirazzjoni taghha ghaliex ma riditx hi u ma stinkatx u mhux minhabba xi problema u issa qed tippretendi l-'bajtra taqa' f'halqa' billi qed tippretendi l-flus minghand missierha.

**Provi:**

Illi l-attrici ressqet diversi provi in sostenn tat-talbiet taghha kif isegwi:

(1) Ir-rikors bil-gurament taghha gia riportat f'din is-sentenz, ix-xhieda taghha viva voce a fol. 47 et seq tal-process, il-kontro-ezami a fol. 180 et. seq kif ukoll l-intervista taghha mal-esperti mqabbda mill-Qorti. Fost il-partijiet saljenti ta' din ix-xhieda hemm is-segwenti:

'Il-papa' kien jidhol fis-sodda minn xi s-sebgha ta' filghaxija (7:00p.m.). Jekk kont inkun bil-guh ma kienx jitmaghni.' (Fol. 48)

'Huti kienu ghadhom ma twieldux. F'daqqa wahda bdejt nisma' ghajjat. Il-bieb tieghi kien maghluq. Bdejt nisma' d-dagha wkoll. Jiena hrigt biex nara x'kien qieghed jigri. Sibt illi kelli l-aquarium tal-hut illi kien gie mkisser, il-hut kollha fl-art, kien hemm ukoll mejda bil-hgiega fuqha li kienet giet maqluba. Il-mejda kienet tal-kcina.

Nikkonferma li dawn l-affarijiet ghamilhom il-papa' tieghi. Nikkonferma wkoll illi dawn huma ncidenti illi konna narawhom ta' kuljum id-dar. Gieli anki filghodu u kif ukoll filghaxija.' (Fol. 48)

'Il-papa' kien ta' kuljum jghajjarni sitta xaham f'karta. Nikkonferma li dan il-kliem li kien jghidli l-papa', kellu effett hazin fuqi. Illum il-gurnata meta nigi biex nohrog mid-dar irrid inhares xi hamsin (50) darba fil-mera u nbiddel tal-inqas sitt (6) darbiet.' (fol. 48-49)

'Konna nkunu fil-kamra tas-sodda naraw it-television, kien jibghatni fil-kcina jew fil-garaxx fid-dlam biex ingieblu xi haga tal-ikel jew xi haga x'jixrob. . . il-papa' jinkini ta' sikwit, kien jghidli ara jahkmek u jkun id-dlam.

Domt nibza mid-dlam tliet (3) snin wara li l-genituri tieghi sseparaw.' (fol. 49)

'Hija Koli twieled fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn (2000). Wara l-iskola kont immur hdejn il-mama' l-isptar. Kont tlabt lit-*teacher* tal-iskola biex immur norqod id-dar ghandha ghax kont imwerwra li mmur norqod id-dar. Il-papa' kien jghajjat u jkisser god-dar u jekk ma tismax minnu kien jerfa' jdejh fuqek. Dan l-atteggjament kien kemm fil-konfront tieghi, fil-konfront tal-mama' u anki ta' ohti Michaela. Kien hemm okkazzjoni meta l-papa' qasam ras Michaela, kien ser jaqsmilha rasha. . . Nitakar illi l-mama giet id-dar, gabritna u ghadni niftakar lill-papa' jaqbad mus u jheddidna li ser joqtolna t-tlieta li ahna. Dwar il-kumplament ta' x'gara dak il-lejl jiena ma niftakarx. It-trawma kienet kbira wisq fuqi.' (fol 49/50)

'Jiena kont nitlob lill-mama biex taghtini ohti, biex ikolli ohti u kont noqghod nitlob biex ikolli ohti. Nikkonferma li meta l-papa' sar jaf illi l-mama' ser twelled tifla, kien jghidli illi ohti ser tehodli t-*toys*, ser tehodli l-kamra, kien jghidli affarijiet biex igighelni noboghdha. Kien jghidli illi ser ipogguni fil-bejt u jekk ikollhom aptit jaghtuni hobz u ghadam. L-aktar haga li qalli illi kienet tweggaghni kienet illi ohti kienet ser tehodli l-imhabba tal-mana. Din it-tifla jiena sirt nobghodha qabel ma twieldet . . .

Nikkonferma li kien hemm incident . . ghadni niftakar lilli jien ghidt lil ohti Michaela biex tohrog mill-*pool* ghaliex inkella ngharraqha. Hi sfidatni, ghalhekk jiena qbizt gol-bahar, qbadt lil Michaela, nizziltha taht l-ilma, bdejt inzommha taht l-ilma, li kieku ma rreagixxitx hi jiena kont ngharraqha. Kien wara dan l-incident li l-mama' bdiet tehodni ghand Psikologa.' (fol. 51)

'Il-papa kien kif ghidt jghajjarni. Ma kienx jurini mhabba. Dawn kellhom effett fuqi, affettwani fis-sens illi ghandi *low self esteem* tieghi nnifsi. Sal-gurnata tal-lum ghadni mmur ghand il-Psikologa. Jiena qeghda mmur ghandha minhabba d-dwejjaq kbar illi jkolli n-nervi. Dawn huma affarijiet li jkolli nghaddi minnhom ta' kuljum.' (fol. 51)

' Kien jghidli ommok ma thobbokx, ghalhekk qeghdha gieghlek taghmel il-*homework*. Tant kien jikkonvincini li jien kont nieqaf mill-*homework* u mmur hdejn il-papa' nara t-*television*. Jekk jien ma kontx mmjur hdejh u noqghod nara t-*television* kien imur mal-mejda tal-kcina fejn kien ikollu l-kotba tal-iskola, inkun qed naghmel il-*homework*, kien jaqbadhom u jibda jsabbat il-kotba.' (fol. 52)

'Kien jaqbadni jhabbatni mal-hajt u jippuntali subajh f'wicci. Kien jghidli 'jekk tghid kelma ohra naqlaghlek ghajnejk. . . jiena ma nissaporti lil hadd illi jipponta subajh lejn wicci. Nikkonferma illi jiena tant waqajt f'sitwazzjoni ta' dwejjaq u nervi illi kien hemm okkazzjonijiet fejn jiena ghamilt *self harm*. Ezempju ninstamat bil-mishun, nixrob l-alkohol u npejjep. Dan fil-perijodu meta jiena kelli bejn erbatax (14) u hmistax (15)– il-sena Kien hemm drabi fejn jien ppruvajt naghmel hsara lili nnifsi b'sikkina.' (fol. 52-53)

Fir-rigward tal-aspirazzjonijiet taghha l-attrici tixhed a fol. 55 tal-process kif isegwi:

'Jiena l-MCAST qed immur tajjeb hafna. Fil-*half yearly* kont gibt fis-suggetti varji fuq *over seventies*. Fl-*annuals* gibt ukoll fuq *over nineties*. Qabel jiena lanqas kont nghaddi meta kont ghadni mmur l-iskola. Qabel l-iskola ma kontx naghti kazha, kien aktar mohhi fuq il-glied li kellna d-dar. L-*O Levels* kelli naghtihom hames (5) darbiet. Kelli naghti suggetti kollha darbtejn ghaliex ma ghaddetjx. Fit-tieni darba kont gibt zewg (2) suggetti biss marka *five* (5).

Kien hemm zmien meta kont ghadni zghira meta jien xtaqt li la nikber insir *accountant*, pero' biz-zmien il-vokazzjoni tieghi kienet li jien ghin lin-nies li qeghdin f'diffikulta' u xtaqt illi

nsir *child psychologist*. Nikkonferma illi jiena ma stajtx nibda l-istudji tieghi ghall-Psikologa ghaliex ma kont ghaddejt ghas-*sixth form*.'

In sostenn ta' dak li xehdet l-attrici dwar ir-rizultati taghha hija esebiet diversi certifikati a fol. 60 et seq tal-process kif ukoll fol. 197 u 198.

Fil-kontro-ezami taghha l-attrici tghid:

'Il-punt li rrid naghmel hu li kieku jien insostni li kieku jien ma ghaddejtx minn din is-sitwazzjoni minn tal-familja, kieku jien diga' ggradwajt mill-Universita. Jien ghadni sal-gurnata tal-lum iddeterminata fuq din il-kawza. Id-danni li saruli huma kbar. Per ezempju jien inbaghati hafna biex naqra. Jekk jigi xi hadd jghajjat nitlef it-tempra, ma nibqax nara. Ir-reazzjoni tkun li jew nibda nghajjat jew inkella ninqafel gol-kamra.' (Fol. 180)

'Ommi u missieri ma kienux jargumentaw. Ghajat kien ikun hemm id-dar. L-aktar il-papa' kien jghajjat. Il-papa' qatt ma nkuraggieni biex nistudja. Il-papa' l-anqas kien ihalli l-mama' tghinni bl-iskola. Kien jara x'jaghmel biex lili ifixkilni bhal jixghel it-televixin . . . Il-papa' kien jghidli biex nistudja biex ma nsirx hmar bhalu. Meta kont nigi biex naghmel il-*homework* kien jew jitfahuli mill-mejda fl-art, jew jixghel it-televixin.' (fol. 181)

Dwar iz-zmien wara s-separazzjoni l-attrici tghid:

'Nikkonferma li jien kont niehu gost hafna mmur ghand il-papa'. Kull haga li rridu kien jixtrihilna. . . Meta kien ikun kalm, kien ikompli maghna. Kien joqghod jirrakontalna l-istejjer . . . F'gurnata minnhom il-papa' kien qalilna biex inpoggu t-tlieta l-ahna. Qalilna gejjin is-*social workers*. Ser johduna minghand il-mama' u jekk mhux ser izommna hu, ser ipogguna f'istitut. Meta irritornajt lura lejn id-dar qabadni d-deni. . . il-papa' kien jeqred mieghi biss dwar il-mama'. Lil huti kien ihallihom f'kamra ohra u jekk jien inkun fil-kcina jigi warajja u joqghod jghidli kontra l-mama'. (fol. 181)

Fl-ahhar parti tax-xhieda taghha l-attrici tiddeskrivi l-hajja taghha kif kienet tkun kuljum meta kienet tghix mal-genituri taghha:

'Il-hajja normali tieghi meta kont nghix id-dar kien li meta kont nirritorna kont nibda nisma' l-ghajjat. Il-papa' kien jidhol jorqod fis-sodda, kien jitla' mill-hanut ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija (6.00p.m.), jidhol jorqod. Il-mama' kienet titlaq ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija (8.00p.m.) u tirritorna ghall-habta tas-saghtejn (2.00 a.m.) jew it-tlieta (3.00a.m.) ta' fighodu. Dan ukoll fost il-gimgha. X'hin tidhol il-mama' kien iqum u jaqbad bl-argumenti. Ghandek sal-hamsa ta' filghodu (5.00a.m.) ghaddej. Argumenti li kienu jkunu fuq affarijiet trivjali. Ezempju dwar xi tapit, u kien isemmi lil hutu, x'kienu jghidulu li messu jsir. Il-mama' kienet spiccat tiehu l-pilloli ghax qabditha *depression*. Kont mort fejn il-mama' u ghidtilha inti thobbni. Kont ghidtilha ma jistax ikun li inti thobbni ghaliex kieku ma thalliex lill-papa' ibella' l-pilloli lili. Jien ridt li l-mama' ma tkomplix tghix mal-papa' biex ahna stajna nghixu fil-kwiet. Jien kont ukoll meta nismaghhom jargumentaw nidhol fin-nofs. Kienu jghajjuni jargumentaw. Il-mama' ma kienitx tirreagixxi ghal dak li kien jghidilha missieri. Il-mama' meta kont nidhol fin-nofs jien kienet tghidli Judith mur orqod. Ahna m'ahniex niggieldu. Qeghdin nargumentaw biss. Il-papa' kien iqum minn fuq is-siggu, jaqbadni mill-flokk u jsabbatni ghall-hajt. Kien jitfali z-zewg sebgha f'ghajnejja u jghidli jekk tghid ohra se naqlalek ghajnejk.' (fol. 182)

(2) Ix-xhieda flimkien ma' dokumenti tal-'Clincial Psychologist / Psychoterapist' Dr. Joan Camilleri (fol. 84 et seq) kif ukoll il-kontro-ezami taghha (fol. 137 et seq) li originarjament kienet giet inkarigata mill-Qorti tal-Familja kif ukoll mill-Qorti Kriminali sabiex tirrelata dwar l-attrici u hutha meta l-attrici wkoll kienet ghadha minuri.

Wiehed mir-rapporti taghha li sar dwar oht l-attrici Michaela Cordina jinsab esebit a fol. 8 tal-process u huwa datat 2 ta' Jannar 2006. F'dan ir-rapport din ix-xhud lura fis-sena 2006 (cioe' mill-anqas sentejn qabel infethet din il-kawza) kienet waslet ghall-konkluzjoni segwenti:

'Mr. Cordina utterly lacks parenting skills . . .This system was experienced already by Nikol who informs me that she went through exactly what her sister is experiencing at the moment. Fear of loss of her father… Mr. Cordina needs parenting skills and in addition my experience with this man has led me to realize that he is not amenable to persuasion and some of his beliefs in his fellow man are clearly not in touch with reality. His temper flares up suddenly and for no valid reason, he is suspicious with no evidence and his suspicions are not allayed by reasonable explanation. These sysmptoms fall under the criteria of Paranoid Personality Disorder. ' (fol 11-12)

Fix-xhieda taghha din ix-xhud tkompli tamplifika fuq il-kundizzjoni tal-attrici u l-konvenut u tghid kif isegwi:

'Mill-ewwel indunajt illi r-relazzjoni bejn l-attrici u missierha kienet hazina ferm. L-attrici ma riditx izzur lil missierha ghaliex qalet li ddejqet tisma' kontra ommha. Kienet ukoll imwegga' hafna u dan peress li missierha kien kontinwament jghajjarha u jfahhar lil ohtha Michaela. Nikkonferma wkoll li mill-esperjenza tieghi u mill-istudji li ghamilt, ghalkemm it-tfal jippruvaw ma jirrabjawx mal-genituri, pero' r-rabja taghhom, anzi ghandhom tendenza li r-rabja taghhom jipprogettawha fuq persuna ohra. F'dan il-kaz din ir-rabja l-attrici kienet qeghdha titfaghha fuq ohtha Michaela. Irrizultali illi l-attrici kellha atteggjament aggressiv ma' ohtha. . . Jiena rrizultali li l-attrici kienet hafna anzjuza. Kellha wkoll krizi ta' identita' u nuqqas kbir ta' stabbilita' psikologika. Jiena nsostni illi minn dak illi qaltli l-attrici, l-ansjeta' kienet rizultat ta' dak li kien jghidilha missierha. . . Jiena nemmen illi l-kaz tal-attrici hu genwin. Hi tifla intelligenti hafna. . . Bhala personalita' ma hijiex daqstant difficli ghalija biex nahdem mal-attrici, pero' jiena nsostni illi tbati minn post-traumatic syndrome. L-attrici hija tifla ambizzjuza u taf xi trid u jien nemmen li fl-istudji li qeghdha taghmel ser tirnexxi. Pero' l-ghazla tal-karriera hi certament influwenzata mill-*background* taghha, jigifieri mill-esperjenzi li ghaddiet fil-hajja tal-familja.'' (fol. 86-87)

'Mitluba mill-Qori biex niddeskrivi l-atteggjament tal-missier fil-konfront ta' l-attrici, nghid illi l-atteggjament tieghu kien *emotional and psychological abuse with neglect.*' (fol. 89)

Fil-kontro-ezami a fol. 139 tal-process ix-xhud tghid illi :

'Jekk genitur ikun ibghati minn din il-kundizzjoni dan zgur se jkollu effett fuq it-tfal. Fit-tfal tnissel *self-awareness* negattiv. Dan jista' jwassal ghal sitwazzjoni fejn it-tfal ihossu *a sense of shame . . .* '

A fol. 93 tal-process jinsabu esebiti noti tal-istess xhud ta' intervista li hija kienet ghamlet lill-attrici fl-2005 cioe' tliet snin qabel infethet din il-kawza. F'din l-intervista' l-attrici kienet gia accennat ghall-episodji ta' tghajjir u abbuz da parti ta' missierha fosthom 'naqlalek ghajnejk, hoxna katuba u sitt xaham f'karta' ('Fol. 93). Fl-istess rapport fejn saret ukoll intervista ma' omm l-attrici ukoll lura fis-sena 2005 din kienet ikkonfermat illi '*For thirteen years on regular basis for instance the father used to hold a knife at her throat for hours and the children saw this.'* Ukoll fl-istess rapport ix-xhud tissugerixxi illi:

*'encourage that Nicola goes on with her psychotherapy to strengthen her present position of wanting to find herself a career . . .' (fol. 99)*

(3) Ix-xhieda tal-psikoterapdista u medjatrici Caroline Mallia a fol. 103 et seq tal-process u l-kontro-ezami taghha a fol. 208-209:

Din ix-xhud kienet kellmet lill-attrici lura fis-sena 2003 wara li giet riferuta lilha minn omm l-attrici. Ghalhekk dan sehh mill-anqas hames snin qabel infethet il-kawza odjerna. Quddiem din ix-xhud l-attrici wkoll kienet irrakontat dak li kien ghaddha bejnha u bejn missierha meta kienet izghar u dwar ir-rabja li hija kellha lejn ohtha. Ix-xhud tikkonferma a fol. 104 illi:

'Fl-ebda hin meta jien kont niltaqa' ma' Judith ma kienet qeghdha taghtini xi impressjoni li din it-tfajla li kienet qeghdha tigdibli . . . Din ir-rabja zviluppat meta Judith kien ghad ghandha seba' (7) snin. Ma hijiex rabja illi l-persuna jitwieled biha, ic-cirkostanzi gabuha illi tizviluppa din ir-rabja lejn ohtha.'

A fol. 105 tghid li anki maghha omm l-attrici kkonfermat illi quddiem Nicola kienu jsehhu diveri episodju ta' vjolenza da parti tal-missier fuq l-omm:

'F'dawn il-laqghat l-omm kienet tghidli illi fid-dar kien hemm il-vjolenza li Judith kienet tkun tassisti ghaliha, tkun qeghdha ghalhekk tghaddi minn din l-esperjenza u li t-tifla kienet tiddefendi lil ommha. Niddiskriviha bhala *a savior and supporter role*. Dan l-irwol ma huwiex normali li jittiehed minn minuri. Dan il-fatt wassal biex l-attrici ma ghandhiex dak illi jien nirreferi ghalih bhala bilanc bejn illi tiehu hsieb lil haddiehor u li tiehu hsieb lilha nnifisiha, hi l-prijorita' li tiehu hsieb lil haddiehor.' (fol. 105).

Ix-xhud kompliet tikkonferma illi fis-sena 2003:

'Min-naha tieghi kont qeghda nipprova ndahhal fil-pazjenta jigifieri l-attrici, sens ta' *self care u love* lejha nnifisha ghaliex dan l-aspett kienet tilfitu. Nikkonferma illi l-attrici kienet tesprimi sens ta' rabja fil-konfront ta' missierha. Kienet qeghdha tirrealizza illi r-rabja li kellha lejn ohtha kien minhabba missierha.' (Fol. 105)

Din ix-xhud ikkonkludiet ix-xhieda taghha billi qalet hekk:

'Fis-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha l-attrici, jiena konvinta illi ma zviluppatx ruhha b'mod ta' student ohrajn fl-istudji taghha. Il-focus u l-energija taghha kienet qeghda tahlihom mhux fl-istudji, imma f'dawn il-problemi.' (Fol. 106)

Fil-kontro-ezami tghid:

'Minn dak illi fhimt jiena kien jidher ovvju illi t-trawma kienet ilha fuq it-tifla u peress illi t-tifla kienet bdiet tizviluppa u bdiet tifhem l-affarijiet, hi stess hasset il-bzonn illi titlob lil ommha ghall-ghajnuna. Ma' oht l-attrici Michaela, jiena ma tkellimtx. Jiena minn dak illi qaltli l-attrici qatt ma kelli ragun ghalfejn kelli niddubita' minn dak illi qeghda tghid fis-sens li lili kienet qed tghidli l-verita.'

(4) Ix-xhieda ta' Mary Anne Brincat a fol. 107 et seq u l-kontro-ezami taghha a fol. 178-179 tal-process li kienet l-ghalliema ta' l-attrici fil-hames sena u li fix-xhieda taghha tikkonferma li l-attrici anki dak iz-zmien kienet bil-problemi u tikkonferma wkoll li kienet talbitha sabiex l-attrici torqod ghandha meta ommha tkun l-isptar biex ma tkunx wahedha ma' missierha. Fil-partijiet saljenti ta' din ix-xhieda jinghad kif isegwi:

'Nikkonferma illi Judith kont naraha qeghda bil-qieghda wara l-bank u jdejha jitreghdu. Dan waqt il-lezzjonijiet. Kienet tigri spiss. Kienet tidher illi hija tifla li ghaddejja minn ansjeta'. Bhala skola ma nistax nghid li kienet tmur tajjeb hafna, niddiskriviha bhala *half way*. Kienet turini bl-atteggjament taghha u anki bil-progress illi kienet qed taghmel matul is-sena, li kellha hsibijiet ohra f'mohha, mhux l-istudju u l-iskola biss. Niftakar illi meta Judith kienet *year five* (5) il-mama' taghha kienet harget tqila. Judith kienet qaltli li kienet qeghda tibza' toqghod id-dar ma' missierha ghaliex ommha kienet waslet fl-ahhar tat-tqala u kien ovvjament ser ikollha tidhol l-isptar biex twelled. Niftakar illi Judith giet hdejja, bdiet tibki u qaltli 'jien ma rridx noqghod id-dar mal-papa', qaltli 'jien nibza' mill-papa'. Bdiet tibki u titrieghed. Jien sahansitra meta rajtha f'dan l-istat, offrejtilha biex nilqaghha d-dar tieghi. . . Nikkonferma illi fil-ftit granet li ommha damet l-isptar biex twelled, Judith ma qaghditx mieghi, spiccat torqod l-isptar ma' ommha u jien kont kuljum inwassal lil Judith l-isptar biex tara lil ommha . . Darba Judith kienet qaltli li l-papa' taghha kien qalilha li mhux ser itiha iktar importanza li titwieled it-tarbija ghaliex il-*baby* li ser ikollha ommha ser tohdilha postha. . . It-tifla kienet tidher imwerwra. Jien kont nara li din it-tifla ghandha bzonn certu attenzjoni u kont nipprova nghina mill-ahjar li nista''.

Fil-kontro-ezami taghha din ix-xhud terga' tikkonferma illi:

'Kienet tigi l-iskola u tibki u tghidli li ma tridx toqghod wahedha d-dar mal-papa' taghha. . . it-tifla kienet tghidli li tibza' mill-papa' taghha. . . jien tkellimt mal-omm dwar l-atteggjament tat-tifla u kienet tghidli li kienet ghaddejja minn sitwazzjoni difficli ma' zewgha . . . kif ghidt, it-tifla kienet tkun b'idejha titrieghed wara l-bank. . . kienet issemmili li missierha kien jghajjat u jsabbat u jkisser. . .gieli semmiet li l-papa' taghha gieli kien taha xi xeba. Jien ma nafx x'ghamel min-naha tieghu l-*headmaster* tal-iskola.' (fol. 178-179)

Din ix-xhud taghti deskrizzjoni taz-zewg ahwa bniet u tghid illi kellhom zewg karattri differenti. Nicola kienet imbezza' filwaqt li Mikela kienet tippretendi li hija *superwoman,* ilsiena kien jikkmandaha.

(5) Ix-xhieda ta' omm l-attrici a fol. 112 et seq tal-process u l-kontro-ezami a fol. 129 et seq. Fir-rigward ta' din ix-xhieda l-Qorti zammet f'mohha l-fatt li ovvjament hija omm l-attrici u llum hija separata minn zewgha u ghalhekk l-omm jista' jkollha certu nteress favur l-attrici. Jirrizulta izda mix-xhieda li Rose Grech xehdet dwar dak li seta' kien favorevoli ghall-attrici u anki dak li ma seta' jkollu l-effett oppost. Fil-fatt a fol. 115 hija tghid li l-konvenut kien jixtrilha dak kollu li xtaqet lill-attrici izda fl-istess hin kienet tassisti ghal vjolenza fid-dar:

'Li trid it-tifla kien jixtrihulha. Kien jara kif jaghmel illi jkollha per ezempju *videos*, jekk johrog *video* fis-suq, kien jara kif jaghmel biex jakwistalha kopja, *she was spoilt*. Sa dak iz-zmien it-tifla kienet qeghdha tassisti ghal xeni koroh id-dar, tkissir, tfiegh ta' borom, ihabbat l-affarijiet mas-saqaf, dagha. Jien kont nibza' minn Gangu (referenza ghall-konvenut), ma kontx nieqaflu dak iz-zmien. Meta twieldet it-tieni tifla l-problemi li kellna kibru. Meta ghidt lil Nicola li ser ikollna *baby* hi ferhet, l-istess ghamel Gangu. Darba minnhom konna qeghdin madwar il-mejda, qeghdin nieklu, qed nieklu l-laham, niftakar lil Gangu jghid lit-tifla,'issa kul sew ghax la titwieled ohtok, inti ghadam ser tiehol', qalilha 'nitfghuk fil-kamra tal-bejt u meta jkolli aptit nitfaghlek xi bicca hobz'. Jien lil Gangu kont nghidlu biex jaqtaghha ghax ser temmnu t-tifla, pero' baqa' ghaddej b'din il-kantaliena ghal disa' (9) xhur shah.' (fol. 116)

Fix-xhieda taghha omm l-attrici tikkonferma bosta mill-episodju li ssemmi l-attrici u t-trattament li kienu assoggettati ghalih hi u bintha kif xehdet ukoll l-attrici. Anki l-fatt li kien itellifha waqt il-'home-work' u jtajrilha l-kotba minn fuq il-mejda. (fol. 117) A fol. 118 tikkonferma wkoll li kien jghajjarha hoxna.

A fol. 119 tikkonferma episodju msemmi wkoll mill-attrici kif isegwi:

'Niftakar li kien hemm okkazzjoni meta t-tifla cemplitli r-*restaurant*, qed nghid ghal Judith. Qaltli biex nitla' nigri d-dar ghax zewgi kien qed isawwat lil Michaela u qaltli li kien ser joqtolha. Hallejt kollox minn idejja u tlajt nigri lejn id-dar u sibt lit-tifla b'gundalla kbira fuq mohha. Kienet qisha monstru. Gangu laqani bid-dagha. Michela bdiet tibki, bdiet tghid illi ma tridx toqghod mal-papa'. Zewgi beda jxejjer mus. Ghidtlu 'ha naghmlilha l-lasonil jew butir biex tinzililha l-gundalla'. Qalli 'ticcaqalqux mis-sufan ghax noqtolkom'. Nicola kienet intilfet minn sensiha f'dan l-incident.'

A fol. 129 waqt il-kontro-ezami din ix-xhud tghid hekk:

'Jien nikkonferma li kienet it-tifla li lili heggitni nfittex is-separazzjoni ma' zewgi. Jien nikkonferma li wara li twieldet Michaela jien dejjem kelli dan il-hsieb, jigifieri li nissepara minn ma' zewgi pero' qatt ma kont attwajtu. Jien ma kellix kuragg.'

A fol. 130 tghid illi:

'Meta t-tifla ghamlet il-mandat ta' sekwestru kontra missierha jien tlajt maghha l-Qorti minkejja li jien kontra li t-tifla taghmel din il-kawza. Pero' fir-realta' jien ma jiddispjaciniex li hi ghamlitlu din il-kawza. Zewgi huwa karattru li jdamdmek u li jkissrek.'

Fir-rigward tal-aspirazzjonijiet tal-attrici hija tixhed kif isegwi:

'meta t-tifla kienet fis-sekondarja t-tifla kienet tghid li tixtieq la tikber tahdem fil-qasam tat-tfal u ta min hu baghtut biex tghinhom. Illum qeghdha tistudja l-MCAST fil-kors ta' *carer*. It-tifla ghandha ghoxrin (20) sena. Trid issa tmur l-Universita' biex tistudja ghal-*teacher*. *Teacher* tal-primarja, pero' ghadha ma gabitx il-Malti.' (fol. 130).

(6) Ix-xhieda tal-psikoterapista u psikologu kliniku Laner Cassar a fol. 215 et seq tal-process:

Dan ix-xhud ikkonferma r-rapport tieghu li jinsab esebit a fol. 13 sa 16 tal-process liema rapport huwa datat 19 ta' Mejju 2004, cioe' erba' snin qabel ma giet intavolata l-kawza

odjerna. Huwa kien irrediga dan ir-rapport fir-rigward ta' Michaela Cordina. Fost il-konkluzjonijiet tieghu jinghad:

'*She needs to be protected from any form of verbal threats form her father as regards herself, her family and her pets.*' (fol. 16)

Fi-xhieda tieghu jghid illi fir-rigward ta' Michaela 'L-iktar problema li kien hemm kien xi kliem fis-sens illi d-dar kienet se tittiehdilhom. Din kienet qed tohloq stat ta' tensjoni fit-tifla.' (fol. 216)

(7) Kopja tas-sentenza tat-Tribunal Ekklezjastiku dwar l-annullament bejn il-konvenut u omm l-attrici giet esebita fl-att mill-attrici a fol. 217 sa 225 tal-process. Din is-sentenza tidhol fid-dettal kemm dwar il-kundizzjoni ta' omm l-attrici kif ukoll il-konvenut.

A fol. 221 fir-rigward ta' omm l-attrici jinghad kif isegwi:

'Il-mod kif irreagixxiet Rose fil-kuntest tal-problemi fir-relazzjoni ma' Michael Angelo – relazzjoni mmarkata minn difetti taz-zewg Partijiet – hu sintomatiku ta' certi difetti tal-Attrici (referenza ghal Rose), li jaghtu hjiel tal-personalita' taghha u ghalhekk jinteressaw aktar direttament il-valutazzjoni tal-kapacita' konsenswali taghha skond il-Kan. 1095. Fil-perizja psikologika taghha dwarha naqraw: '*Her defense mechanism is escapism. In fact, as marriage deteriorated, she used different mechanisms to safeguard her respective interest: lies, excessive work, alcohol abuse, and finally infidelity.*'

'Biex nikkompletaw il-kwadru tad-difetti tal-Attrici (referenza ghal Rose Cordina) mill-ahjar li nistghu, ma nistghux inhallu l-element ta' biza' min-naha taghha versu Michael Angelo. Rose '*resorted to whatever defense mechanisms she thought were best to use, to face up to her new ill-fated reality. The client was constantly living in fear. She dreaded the apparent indifference of her husband towards pain, particularly on his own family. This seems to have been purposely instigated by himself on them. . .* Hu diskutibbli kemm irreagixxiet korrettement . '*Ms. Grech's submissive attitude towards her former husband proved her more ill than otherwise, as she may have desired. Her lack of appropriate response in marriage reinforced her husband to maintain his negative and hostile attitude towards herself and the children.*'

Fir-rigward tal-konvenut interessanti dak li din is-sentenza tirriporta mix-xhieda ta' oht l-istess konvenut Pawlina Portelli:

'Gangu jaghmel dak li jghidulu hutu. Ghadu sal-lum mhux kapaci jiehu decizjoni wahdu. Missieri kien it-tip ta' bniedem li jekk ifettillu joqghod jiekol fis-sodda u ommi kien ikollha sserivh. Dan mhux ghax kien ikun marid izda b'kapricc. Din Gangu hadha minghand missieri.

Ftit aktar 'il quddiem, l-istess xhud tikkonferma aktar punti mill-verzjoni tal-Attrici (referenza ghal Rose Grech): "Rose kienet titkellem hafna mieghi. Kienet tghidli li ghall-ewwel li zzewgu Gangu kien ideffes lil ohtu Tedia u lil Rose kien imaqdrilha dak li taghmel. Kien jghidilha hawn x'sajjart dan il-pesti? Gieli kien jaqbad l-ikel u jghollih mas-saqaf u kien ikollha toqghod tnaddaf. Kien jghidilha ghaggel naddaf ghax jekk jigu huti issa jrid ikun hawn nadif. Din il-bicca tax-xoghol kien ghallimhielu l-gharef hija l-kbir Ganni. Hu kien jaghtih dawn il-pariri tal-genn. Kien jghidlu dak mhux tghajjat jew aqbad il-hwejjeg mill-gwardarobba u armihom halli jkollha toqghod tigborhom u titnihom u affarijiet bhal dawn. Jien sa mill-bidu kont nghid lil Rose li kieku kont jien ma kontx noqghod ghal dik it-tip ta' mgieba ta' hija Gangu. Jien ma kontx nippermettilu. Semmietli li kien igieghla tinzel gharkopptejha u jzommilha rasha bejn saqajh u joqghod joqmos biha u jweggaghha"

L-istess xhud qalet: "Gangu kellu hafna rabja u kien bniedem kattiv u jasal. Min-naha ta' Rose kien hemm missiereha li hi kienet tirrispettah hafna u kien ifissidha. Dan li Gangu kien idejqu bil-hafna ndhil zejjed u kif forsi aktar iharrxu". Anke pero' jekk il-konvenut kien qed jissubixxi din l-istigazzjoni minn missier martu, ir- reazzjoni tieghu kif deskritt mill-Attrici, perezempju fil-kastigi li kien jaghtiha (ez. Stqarrija ta' Rose Grech,21/178-18), iggeghlna nissuspettaw certa anormalita' fih.

Mistoqsija jekk huha, li jigi l-konvenut, gieli qabad b'rabja jarmi l-hwejjeg ta' martu mill-gwardarobba kif kien issuggerielu huh l-iehor Ganni, Pawlina Portelli wiegbet: 'Naf li kien ghamel dan ix-xoghol u dan kienet stqarrituli Rose stess zmien ilu. Hija kienet tafda fija u mieghi kienet titkellem bhal li kieku ohti. Naf ukoll il-karattru ta' Gangu u ghalhekk nemmen bla diffikulta' li seta' gab ruhu b'din il-manjiera ghalkemm jien ma kontx rajtu".

Xehdet ukoll: "Lil hija Gangu kont inwissih hafna. Kien sentejn qabel issperaw li Gangu kien biddel l-atteggjament tieghu ma kienx ghadu jghajjat, biss Rose kienet qaltlu li issa taghmel x'taghmel kien kollu ta' xejn'.

Iddeponiet ukoll: 'Rose waslet li tistqarr mieghi li kien wasal iz-zmien li ghaliha l-hanut kien harba. Ma kinitx tissaporti d-dar x'hin kien ikun hemm zewgha. Kont ninnota li Gangu kien ikun kalm meta Rose kienet taghmel il-kontijiet u jara x'kien fadlilhom. Kien jaghmel jumejn kalm u wara jerga' jibda' l-istess storja hafna ghajjat u xenati.

L-inkwiet jidher li kien mill-bidu tal-hajja mizzewga, ghax skont l-istess xhud Pawlina Portelli: "Jiena nghid li mill-bidu z-zwieg kien beda sejjer lura. Gangu kien ikun irrabjat ghal missier Rose ghax damet hdejh jew damet ma giet u mbaghad kienet tikolha hi ghax jisfoga maghha.' (fol. 224)

Min-naha l-ohra, il-konvenut in sostenn tal-versjoni tieghu tal-fatti ressaq il-provi segwenti:

(1) A fol. 142 et seq jixhed il-konvenut stess filwaqt li a fol. 160 et seq u 227 et seq nsibu l-kontro-ezami tieghu:

Fix-xhieda tieghu huwa jispjega kemm kien ilhom hu u martu bir-*restaurant*. Jaghti wkoll dettalji dwar kif fl-istess hin huwa kien jahdem bhala *beach cleaner* u li kellu arrangament li jiehu *off-time* in kumpens li juza t-trakk tieghu ghax-xoghol. Jghid li ghad-9.00a.m. normalment kien ikun lest mix-xoghol u ghalhekk kellu bizzejjed hin biex jghin fin-negozju. Jispjega li sabiex imexxu bir-*restaurant* kien isellifhom il-flus missier il-mara u li huwa kien izommlu mistur hemm verament kienu jkunu jiswew l-affarijiet ghaliex kien jirrabja. Jghid li kien jahdem sas-6.00p.m. u jiehu wkoll hsieb it-tfal. Biex jistrieh fuq ix-xoghol kien jintefa' fuq friza u jorqod. Jghid li martu kienet tidhol xoghol filghaxija, li r-*restaurant* ma kien jinghalaq fl-ebda hin tul il-gurnata u kienu jaghmlu seba' xhur shah fis-sena miftuhin.

Jispjega li d-dar kienet tnaddaf ohtu. Jirrelata incident fejn ta' sentejn l-attrici kienet tkun man-nanna materna. Darba minnhom tela' u sabha mismuta u ghamlet xi erba' gimghat l-isptar u jixhed kif isegwi:

'Kienet qed tilaghbha bejn il-hajja u l-mewt. Niftakar li kont mort l-isptar nara lit-tifla. Rajthom qeghdin jippruvaw imexxu lit-tifla, rajtha ggruncjata u din impressjonatni wisq, u minn dak inhar hadt id-decizjoni li qliedi ma jistghux jghixu b'dan il-mod. Kien f'dak l-istadju li jiena ma komplejtx ninzel ir-*restaurant* bil-lejl, biex jiena nibqa' d-dar u t-tifla tkun mieghi.' (fol. 144)

Jghid li biz-zmien martu bdiet tixrob u tpejjep izda xorta kien ikollha kontroll taghha nnifisha, jghid li kienet anki fittxet l-ghajnuna l-OASI u li kienu huma li qalulu li meta tirremetti jhalliha u ma jghiniex. Jghid li martu kienet takkuzah li qabbadha *depression* u li kien qed ikollu relazzjoni anki ma' mpjegati taghhom.

'Lit-tifla biex nikkoregiha l-iktar li stajt ghamilt maghha kien illi naghtiha xi daqqa zghira fuq saqajha, pero' kont nghidilha bil-kliem li mhijiex brava. Jien kont nghidilha meta kienet toqghod imqarba biex jew tmur f'kamritha jew toqghod bi kwietha jew kienet taqla' ghajta minghandi.' (fol. 144)

Isostni li kienet martu li kienet tikri l-*blue films*. Jghid li kien jarahom ma' martu. Jichad li kien johrog id-debba fis-7.00a.m. Jikkonferma li ma jafx jaqra u lit-tifla qatt ma ghenha fl-istudju u li kienet ommha li tghinha xi ftit jew kien jibghatha ghand hutu. Jsostni wkoll li kien hu li jaghmel il-hobz ghat-tfal u jwassalhom l-iskola.

'Argumenti mat-tifla fuq l-iskola ma kienx ikolli ghaliex jiena, kif ghidt, ma nafx naqra. L-argument li seta' kien ikolli mat-tifla kien illi tigi ommha tghidli x'ghamiltilha t-tifla u jien nikkorregiha.' (fol. 145)

Jghid li kienet martu li kienet tqassam il-flus izda fl-ahhar beda jahseb ghalih. Jsostni li lit-tifla qatt ma kien jheddida u li sakemm kienu d-dar qatt ma rreferew it-tifal ghand xi psikjatra jew *counselor*.

'Judith kienet tkun hafna mieghi, anke meta mmur nixtri kienet tkun trid tigi mieghi. Judith kienet tifla kwieta. Meta tipparagunaha ma' Michaela, niddeskrivi lil Michaela bhala tifla iktar fuq taghha. Michaela kienet xi ftit imqarqca, pero' minni kienet tisma'. Meta twieldet, it-tifla Michaela, kienet tqatta' hafna hin mieghi. Marti kienet tghid 'ma nistax inzommha lit-tifla'. Nikkonferma illi jista' jkun illi dan il-fatt gab lil Nicola f'sitwazzjoni illi kienet tghir ghal ohtha fis-sens illi jien m'inhix qieghed niddedika hin kif kont qieghed niddedika meta kienet ghadha l-unika tifla. Bejn Michaela u Judith hemm seba' (7) snin differenza.' (fol. 145-146)

Jispjega li kien xtara d-debba flimkien ma' Nicola u li kienu johrogu spiss biha. F'nofsinhar l-ikel kienet tippreparah ohtu. Filghaxija kien itella' mill-hanut.

Dwar it-televixin il-konvenut ikkonferma li huwa jhobb jara t-televixin.

'Il-mara riedet is-separazzjoni. Bqajt id-dar minhabba wliedi. Ghalija dan is-swat mentali kien minhabba x-xorb tal-mara, tgergir, tohrogli 'l barra mid-dar, ma taghmel xejn id-dar – niddependu minn ohti. Il-mara kienet tiehu hsieb, pero', il-karti. Kien hemm drabi illi l-mara marret ukoll *weekend* Malta u thallili t-tfal. Kienet tghidli, 'jien sejra *weekend break*.' (fol. 146).

Jghid illi Nicola ma haditx gost li huwa kellu *partner* wara s-separazzjoni izda xorta t-tnejn qabdu t-triq taghhom. Jghid li ghandu Nicola kienet tmur irrabjata u kien ikollha l-*clashes* ma' Michaela. Jghid li kien ikollhom l-argumenti fuq it-televixin.

'Illum ghadni ma nistax nifhem kif it-tifla qed taghmel dawn l-affarijiet. Jiena sal-gurnata tal-lum ghad ghandi l-bieb miftuh ghat-tifla; meta trid tista' tigi ghandi. Jien, ghalkemm li ghamlitli din il-kawza, m'ghandi xejn kontriha.' (fol. 147)

Jikkonferma li kien hemm darba argument ma' martu fejn huwa mbotta l-akkwarju u nfaqa' izda jichad li kien ikisser l-affarijiet ghaliex hu jiehu gost jirranga d-dar. Jichad li huwa ghazzien u jinsisti fuq kemm kien jahdem u li dan jafuh anki hutu.

Jghid li l-ghalliema qatt ma kellmuh u qalulu li t-tifla kienet qed turi xi sinjali ta' problema. Ha lil Michaela ghall-ghanjuna meta fil-*form* 1 sar jaf li tbaghti ftit mid-dyslexia.

'Nikkonferma illi t-tifla Judith ilni ma' nitkellem maghha snin twal. Darba kont rajtha hdejn l-isptar. Kont riekeb il-mutur, waqqaft u ghidtilha, 'Nicola, ghalfejn ma tridx tkellimni lili?' hi ma tatx kasi, baqghet tuza' l-mobile. Kif rajt hekk qbadt u tlaqt mill-post.' (fol. 148)

Fil-kontro-ezami l-konvenut jghid illi:

'Jien ghalija l-karattru tieghi hu normali bhan-nies l-ohrajn. Mistoqsi jekk inhiex persuna nervuza, inwiegeb xi kultant iva nkun nervuz. Naqbel ukoll illi jien gieli ghajjat. Mistoqsi jekk jien xi hadd iniggizni noqghodx kalm u xi tkun ir-reazzjoni, inwiegeb illi jiddependi l-mod li bih il-persuna tniggizni.' (fol. 160)

Jichad li huwa ma kienx jahdem u kien ikun dejjem fis-sodda. Jammetti li kien jiehu hafna *sick* izda dan kien biex ikun jista' jmur ir-*restaurant.* Jghid li wara li ssepara minn mal-mara kien qala 'warning' minhabba *s-sick leave*. Jghid li l-hinijiet tax-xoghol tieghu jghid li fis-Sajf kienu mill-5.00a.m. sal-10.30 a.m. u fix-Xitwa kienu jahdmu mis-7.00a.m. sa 12.00p.m.

'Jiena hekk jidhirli li lil binti qatt ma nkejtha. Jista' jkun illi ccajtajt maghha, pero' mhux inkejtha. Jiena nichad illi lil Judith kont nghidilha illi issa la titwieled ohtha ser nohdilha t-*toys* kollha u ma nitmaghhiex u npoggiha f'xi kamra mal-grieden. . . it-tifla tieghi kienet iddoqq kanzunetta jisimha 'hoxna hoxna qisek katuba'. Lit-tifla qatt ma nuselntajtha bil-piz taghha. Meta t-tifla kellha l-*period* kont gharraft lil huti. Jiena ma qghadtx nghid illi issa saret qisha debba . . .nirrepeti li jiena qatt ma ghidt lit-tifla illi jiena ser nippreferi lil Michaela la darba titwieled.' (fol. 161)

Jichad li t-tifla Nicola raqdet l-isptar meta twieldet Michaela ghalkemm ma jafx fejn raqdet. Ghalkemm kien jiehu hsieb hu li jiehu t-tifla l-iskola kienet ommha li tiehu hsieb il-progress taghha. Jghid li Nicola kienet kwieta l-iskola u kien jghidilha biex jekk ghandha xi *clashes* mat-tfal tirrangahom. Jikkonferma li Nicola irrepetiet sena. Jakkuza lil martu li kienet ittellef l-iskola lil Nicola ghaliex haditha l-Awstralja u li qed taghmel l-istess mal-wild iz-zghir Koli.

'Sa fejn rajt jiena, il-bniet dejjem rajthom imorru tajjeb flimkien. Nichad li Judith kienet il-hin kollu taqbad ma' Michaela.' (fol. 162)

Jghid li l-incident tal-'pool' bejn Nicola u Michaela jaf bih ghax qalulu bih u li sehh wara s-separazzjoni.

A fol. 227 jixhed bil-gurament illi l-kliem 'sitta xaham f'karta huwa qatt ma semghu. Dwar il-kanzunetta 'hoxna hoxna qisek katuba' jghid li kien hu stess li xtara l-*casette* lit-tfal.

F'din il-parti tal-kontro-ezami jikkonferma wkoll li kien ghamel it-talba sabiex id-dar matrimonjali tinbiegh bis-subbasta izda skont hu, huwa ma kienx idahhal lit-tfal fin-nofs. Jichad illi huwa kien jheddidhom li se jbieghlhom id-dar u se jispiccaw barra fit-triq.

A fol. 228 jichad li kien jidghi spiss u li qatt ippunta subghajh lejn l-attrici u li sabbat lill-atrici. Jghid li martu welldet tliet darbiet b'cesarja izda ma kienx jidhaq biha. Jikkonferma li veru li gieli qal lill-attrici biex tistudja biex ma tkunx hmar bhalu. Jichad li kien jixhel it-television apposta.

Jerga' jikkonferma li kien hemm incident fejn huwa mbotta l-mejda u waqa' l-akkwarju. Jghid illi 'l-mara tieghi kienet thebb ghaliha, u mhux jiena. Nichad li jien kont insawwat lil marti u li binti kienet tidhol bejnietna biex lili twaqqafni milli nsawwatha. Ma nafx jekk kien hemm xi darba li t-tifla tieghi kienet weggghet rasha meta kienet il-hanut. Jien sa fejn naf jien lil binti ma ghamiltilha l-ebda hsara. M'inix qed nghid li marti ghandha l-htija, li marti ghandha l-htija kollha. Meta t-tfal kienu jkunu mieghi r-relazzjoni ta' bejniethom kienet tajba.' (fol 228).

(2) Ix-xhieda ta' Rita Muscat Bianchi, ex-impjegata fir-*restaurant* (fol. 156-157):

Basikament din ix-xhud tikkonferma li t-tmexxija tar-*restaurant* fil-hinijiet ta' filghodu u wara nofsinhar kienet tkun f'idejn il-konvenut nkluz it-tisjir u l-preparazzjoni ghal filghaxija u li hija ma kinitx tara hemm lill-omm l-attrici.

(3) Ix-xhieda ta' Gemma Sultana, ex-impjegata fir-*restaurant* (fol. 158):

Din ix-xhud bhal ta' qabilha tikkonferma li t-tmexxija tar-*restaurant* fil-hinijiet ta' filghodu u wara nofsinhar kienet tkun f'idejn il-konvenut nkluz it-tisjir.

(4) Ix-xhieda ta' oht il-konvenut Tedia Said (fol. 167-168):

Din ix-xhud tikkonferma l-arrangamenti li kien hemm bejn il-koppja sabiex ikunu jistghu jlahhqu max-xoghol tar-*restaurant* u l-bzonnijiet tal-familja. Tikkonferma li kien ikun il-konvenut li l-aktar jiehu hsieb it-tfal. Tixhed illi:

'Lil hija qatt ma rajtu jsawwat lil Judith pero' kien jghajjat mat-tifla. Min ma jghajjatx?' (fol. 167)

Ix-xhud ikkonfermat ukoll li kien hemm drabi li l-konvenut taqbizlu xi wahda. Tichad izda li qatt ratu jew taf b'xi incident li hu kien vjolenti fuq uliedu jew dwar l-incidenti bejn iz-zewg bniet fil-*pool.*

(5) Ix-xhieda ta' Celestina Refalo oht il-konvenut a fol. 169 – 170:

Din ix-xhud tghid li kienet tara lil huha spiss u kienu anki jiltaqghu bit-tfal. Kienet gieli tarah iwassal lit-tfal l-iskola u jigborhom. Tixhed illi:

'Quddiemi hija kien imur tajjeb ma' uliedu. Kien ikun hemm forsi xi kunflitt xi kultant pero' affarijiet tas-soltu.' (fol. 169)

Tghid li kienet ohtha Pawlina li kienet tnaddfilhom id-dar. Tikkonferma li kemm il-konvenut kif ukoll martu kienu jsiefru spiss separatament. Tghid li kien il-konvenut li kien jorqod mat-tfal ghaliex martu kienet tkun xoghol filghaxija ghaliex hekk xtaqet tahdem. Dwar kif kien ilahhaq huha max-xoghlijiet li kien jaghmel tghid li mal-Gvern kien jirranga l-hinijiet izda lanqas taf x'kien jaghmel huha mal-Gvern. Tghid li huha kien jghidilha li kellu l-problemi mal-mara u li kienet tixrob u li kienet tmur id-*disco*. Tikkonferma li dan kien jghidulha wkoll ir-ragel ta' ohtha li huwa l-proprjetarju tad-diskoteka l-Grotta.

'Hija niddeskrivih bhala bniedem naqra spontanju. Hija gieli kienu jitilghulu. . . Jien gieli rajt lil Gangu jirrabja mat-tfal. Kien l-aktar jirrabja mat-tifla Judith Nicola ghaliex Michaela kienet ghadha zghira. Kien hemm drabi meta jien attirajtlu l-attenzjoni lil hija. Kont nghidlu dik ghadha tifla zghira, mhux hekk. Hu kien jghajjat maghha ghalhekk kont nghidlu mhux hekk mat-tfal. Judith kienet taqbad ukoll naqra ma' ohtha u hija kien isikkithom. Jien lil hija kont nghidlu biex ma jghollix lehnu imbaghad hu kien iwissihom bil-mod.' (fol 170).

(6) Ix-xhieda ta' Dr. Angele Formosa li kienet tahdem fir-*restaurant* ghall-perjodu qasir (fol. 172):

Din ix-xhud tghid li hija kienet tara lill-omm attrici ghal certu hin titla' fuq fejn kien ikun hemm lavrant iehor u kienu jdumu hemm. Tghid ukoll li wara li kienu jaghlqu omm l-attrici kienet tmur id-*disco*.

(7) A fol. 184 et seq tal-process il-konvenut esebixxa kopja tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li kienet ghamlet l-attrici fil-bidu tal-kawza ghas-somma ta' erba' mija hamsa u sittin Elf Euro (€465,000). Fil-kontro-ezami taghha l-attrici kienet ikkonfermat li hija kienet imxiet ma' dak li qalilha l-avukat (fol. 180). A fol. 194 hemm esebita nota ta' kif l-attrici waslet ghal dik is-somma fuq bazi li hija setghet tahdem bhala 'accountant'. Dan il-mandat kien gie originarjament michud filwaqt li mandat simili gie milqugh minn din il-Qorti kif presjeduta fil-bidu tas-sena kurrenti.

(8) A fol. 205 tinsab ix-xhieda ta' Reverendu Carmelo Gauci:

Dan ix-xhud ghalkemm jiftakar l-ahwa bniet Cordina ma jiftakarx li huwa kien involut fuq xi rapport u li kellu jiehu xi azzjoni. Jikkonferma li kien jaf li bejn il-koppja Cordina kien hemm xi proceduri ta' separazzjoni izda ma jiftakarx dettalji. Lanqas jiftakar li kienet kellmitu l-ghalliema ta' Michaela fuq xi problema ta' 'bullying'.

(9) A fol. 207 ix-xhud Rita Sultana li hija l-kap tal-iskola fejn kienet tattendi Michaela tikkonferma li t-tifla mhux qed tigi segwita mill-assistenti socjali u li ma ghandhiex problema ta' komportament u lanqas li kellha xi rapport li t-tifla hi 'bully' ma' tfal ohra.

Interessanti l-fatt li ghalkemm il-konvenut ressaq lil bosta minn hutu bhala xhieda favur tieghu naqas li jressaq lil ohtu Pawlina Portelli li kienet tiehu hsieb tnaddaf id-dar tal-konvenut kuljum.

**Ir-Rapport tal-esperti mqabbda mill-Qorti:**

Dan ir-rapport jinsab esebit a fol. 271 et seq tal-process u gie maqsum f'zewg partijiet, l-ewwel parti huwa r-rapport psikologiku dwar l-attrici filwaqt li t-tieni parti hija r-rapport psikjatriku dwar l-attrici.

L-esperti mqabbda mill-Qorti dahlu b'mod separat fil-fond mal-attrici f'dak kollu li hija ghaddiet minnu sa minn dak li tiftakar minn meta kienet zghira sal-gurnata li kien qed isir ir-rapport. Il-Qorti mihiex ser toqghod tirrepeti dak kollu li nghad fir-rapport pero' ser taghmel biss referenza ghall-partijiet minnu. Fil-parti psikologika tar-rapport, fost hafna affarijiet ohrajn, jinghad:

'*in addition Nicola recalls her father taunting her for being overwight. It seems that he used to rhyme for her* 'hoxna hoxna qisek katuba, par widnejn kbar qishom qlugh, imniehrek catt, denbu nnukklat, ghal qatla jehduh', *referring to the girl as being a pig. She described that he used to sing this rhyme about four times a day, addressing her each time. As a young teenager Nicola started perceiving herself as being fat and ugly.'* (fol. 277)

*'However, from her description, it seems that there was always conflict between the parents, which appears to have increased when the second child was born.*

*Furthermore, when her sister was born, Nicola started perceiving her baby sister as taking her place within the family. This was exuberated by the father's comments that she would be locked up on the roof without food, and her toys would be given to the baby. As was described by Nicola, this created a 'love-hate' relationship between herself and her sister.'*(fol. 279)

*'In addition, it appears that during the parent's arguments, Nicola used to lock herself and her sister in a bedroom ,trying to listen to what was happening between the parents, and protecting herlsef and her little sister. Adding that after the argument, going out of the room, she would find broken things in the corridor.'* (fol. 280).

Fir-rigward tal-abiltajiet tal-attrici r-rapport psikologiku jghid kif isegwi:

'*However, Miss Cordina claims that she had difficulty in studying and obtaining her 'O' Levels. This could perhaps in part be attributed to the exposure of domestic violence. . . Moreover, Miss Cordina's motivation towards studying was gravely disturbed by the actions of her father, both during her priary schooling and later duyring her 'O' Levels. Therefore Miss Cordina was not at an optimal psychological state to take exams.'* (fol.282)

Mill-aspett emozzjonali jinghad illi: *'it appears that at an early age Nicola felt abandoned and rejected. This started when the father used to tell her that the baby was going to replace her. She might have perceived these threats as traumatic. Attachment theory describes and explains the trauma of rejection and abandonment by those the child needs the most and the enormous impact it has on the child.' (*Fol. 283)

*'Nicola also developed low self-esteem, this could have perhaps been contributed though the messages that she received from her father. It appears that the father used to liken her to a pig. . . . it appears that Nicola was emotionally abused by her father.'* (fol. 284)

Mill-aspett interpersonali r-rapport jghid li l-attrici kienet qed tuza dak li jissejjah bhala *'displacement as a defence mechanism . . . it seems that the father was too threatening as the target of her anger, thus she directed her anger towards her sister.'* (fol 285)

Jghid ukoll: *'along the way, Nicola, has learnt that being the older sister, and with the environment being inconsistent in providing for her needs, she has to become the 'parent' for her younger siblings. In addition, Nicola claimed that she continued to visit her father while tolerating his anger, because she was afraid that if she did not go, her father's anger would be directed towards her sister. The parentification concept is considered pathological when it is the result of excessive burden in an unsupportive environment.'* (fol 287)

Finalment ir-rapport psikologiku a fol. 287 u 288 jaghmel il-konkluzjonijiet segwenti:

*'Drawing from the clinical interview, assessment, and in combination with the initial impressions it seems that Nicola Judith Cordina has difficulties in certain aspects of her life. It appears that she suffers from Mixed anxiety-depressive disorder. Additionally, she tends to be avoidant and also suffers from low self esteem.*

- *Miss Cordina's cognitive faculties are intact and it appears that she possesses average intellectual abilities. However, due to the conflict and emotional abuse during her school years, she did not manage to obtain her necessary qualifications to continue with her eduction.*
- *It appears that as a child Nicola was emotionally abused by the father. Rather than receiving the safety and love from the father, it seems that he emotionally abused her. As a consequence it seems that Miss Cordina suffers from anxiety and has a tendency to become depressed.*
- *Her self-esteem has suffered because of the emotional abuse, and the necative messages that her father gave her.'*

Fir-rapport psikjatriku jigu riportati partijiet saljenti tal-intervista tal-attrici mill-espert. Dawn jinsabu a fol. 289 sa 292 tal-process. Fl-intervista taghha l-attrici taghti b'aktar dettal minn kif xehdet quddiem l-istess Qorti dak kollu li hija ghaddiet minnu minn taht idejn missierha l-konvenut. Interessanti dik il-parti fejn l-attrici llum adulta tirrelata dwar incident li hija kellha fejn iltaqghet ma' missierha:

'Kont qeghda *placement* aw . . Kont qeghda tat-tfal *child care centre* Ghawdex u rani. Gie fejni. Beda jghajjatli b'ismi. Jien ma tajtx kazu. Harist 'il hinn. Nilghab mal-mobile u nitlob

biex sehbiti tigi. **<u>Ghax hassejt qalbi hierga minn go sidri bil-biza' li bzajt.</u>** (emfazi tal-Qorti) Niftakar it-tieni jew it-tielet gurnata tal-*placement*, ghamilt gurnata ma nafx fejn jien.' (fol. 292)

Din certament mihiex reazzjoni ta' persuna li ma tkun sofriet xejn minn taht idejn missierha kif isostni l-konvenut fix-xhieda tieghu.

Dwar l-edukazzjoni taghha din il-parti tar-rapport tghid illi:

'*Educationally she has now done very well in a care workers course but remains deeply bitter about not having been able to achieve in her formative education years.*' (fol. 294)

Fil-konkluzjoni psikjatrika jinghad:

'*Nicola Judith Cordina continues to suffer from a chronic Mixed Anxiety and Depressive Disorder of moderage degree. Her level of emotional distress and suffering is considerable. Her level of adjustment is fair and she remains with functional limitation in relationships and career progression.*' (fol. 295)

Finalment l-esperti tal-Qorti jikkonkludu kif isegwi:

'*Nicola Judith Cordina's present level of psychiatric and psychological disability is calculated at a level of 8% (eight per cent) according to established criteria of disability. (Australian Department of Social Security).*' (Fol. 295)

Din il-Qorti rat ukoll l-intervista kollha li saret mal-attrici mill-esperti u li tinsab esebita a fol. 297 sa 365 tal-process. Fost affarijiet ohra li gia sar accenn ghalihom f'din l-intervista l-attrici temfasizza minghajr ebda tlaqliq meta mistoqsija li iva missierha kien isabbatha mal-hajt. (fol. 335). Interessanti wkoll li meta l-espert staqsa lill-attrici x'cifra ghandha f'mohha li ghandu jtuha missierha, nonostante li l-kawza ilha miftuha snin hija ma tati l-ebda somma anzi tghid li hemmhekk hi ma tifhimx (fol. 364).

Jigi notat li ghalkemm il-konvenut f'mument minnhom talab il-hatra ta' periti addizzjonali, konsegwentement din it-talba giet irtirata u nsista biss li ssir l-eskussjoni tal-esperti li fil-fatt saret kemm bil-miktub kif ukoll *viva voce* quddiem din il-Qorti.

L-eskussjoni bil-miktub tinsab a fol. 414 sa 423 tal-process. Mid-domandi in eskussjoni principalment johrog il-punt li l-esperti ma hassewx il-bzonn li jintervistaw ebda persuna ohra ghajr l-attrici sabiex jaslu ghall-konkluzjonijiet taghhom. Jikkonfermaw ukoll li l-kundizzjoni tal-attrici hija rizultat tal-esperjenzi kif ghexithom hi u mhux rizultat ta' xi fatturi genetici. Jikkonfermaw li huma qaghdu attenti li ma jigux influwenzati minn rappori ohra biex il-konkluzjoni taghhom tkun wahda ndipendenti. Jemfasizzaw illi l-esperjenza tal-attrici fi zmien is-separazzjoni ma wasslitx ghad-debilita taghha izda kienet it-trawma sofferta qabel li wasslet ghad-debilita. Isostnu li l-attrici hija ta' livell ta' intelligenza normali u li whud mill-persuni illi jigu trawmatizzati jigu affettwati kemm psikologikament kif ukoll akkademikament.

L-eskussjoni tal-esperti *viva voce* tinsab a fol. 443 et seq tal-process. Minn din l-eskussjoni bhala punti ta' mportanza johorgu s-segwenti:

1. Illi huma ma kellhom l-ebda raguni valida sabiex jiddubitaw mill-genwinita' u l-veracita' ta' dak li kienet qed tghidilhom l-attrici:

'Il-mod li esprimiet il-livell ta' distress taghha, l-emozzjoni taghha. L-evalwazzjoni taghna wrietna car li din ma kinitix qed tigdbilna, ma kinitx qed tipprova turina wicc b'iehor, ghax l-intensita' tal-esperjenzi taghha ghaliha kienu tant qawwijin li hallew l-impatt taghha car fuqha.' (fol. 446)

2. Illi l-esperjenzi trawmatici tal-attrici kienu gejjin min-naha tal-missier u mhux tal-omm (fol. 447-448)

3. Illi z-zmien trawmatiku li ghaddiet minnu l-attrici beda ferm qabel is-separazzjoni bejn il-genituri taghha: 'l-evalwazzjoni wriet li kienet l-esperjenza tat-trobbija taghha li lil din it-tifla trawmatizzata.' (fol. 452)

4. Illi l-incidenti trawmatici ma kienux ftit izda kienet esperjenza kontinwa: 'Il-mod li Nicola Cordina tiddeskrivi t-tfulija taghha u l-ugiegh u l-biza' tat-tfulija taghha ghalija juri bic-car li ma setghux kienu tliet (3) incidenti, wahda 'l hawn u wahda 'l hemm li lilha affettwawha b'dan il-mod negattiv imma bilfors kienet qed tghix hajja fejn hafna mill-hin kienet qed tghix hajja ta' biza kbira.' (Fol. 454)

5. L-esperti jeskludu li dak li tghid Nicola seta' kien *projection* ta' trawma li soffriet minghand xi hadd iehor u li giet *projected* fuq il-missier. (Fol. 454)

6. Jikkonfermaw li kieku *over-all* l-esperjenza tat-tfulija ta' Nicola kienet wahda posittiva, ghalkemm jikkumentaw li ebda genitur qatt ma jista' jkun perfett, hija ma kinitx tasal ghad-debilita' li soffriet. (Fol. 455)

7. Mistoqsija direttament mill-Qorti jekk id-debilita' ta' tmienja fil-mija (8%) sofferta mill-attrici setghetx kienet almenu in parti rizultat tas-separazzjoni bejn il-genituri l-espert Dr. David Cassar jikkonferma kif isegwi:

'Esperjenzi trawmatici dejjem huma esperjenzi trawmatici pero' l-esperjenzi li qasmet maghna Nicola Cordina li wasluha ghall-istat li qeghdha fih illum, li meta rajnieha Ms. Galea u jien kienet gia marret darbtejn ghal terapija fit-tul u kienet fit-tielet (3) terapija taghha, jifigieri din hija persuna li giet trawmatizzata tant li minkejja zewg (2) esperjenzi fit-tul ta' terapija u wahda (1) *on going* kienet xorta wahda trawmatizzata. Dak jurina bic-car illi l-esperjenzi trawmatici taghha ma bdewx fiz-zmien ta' separazzjoni imma bdew ferm qabel is-separazzjoni u li dawk fis-snin formattivi meta hi kienet tifla zghira, dawk l-esperjenzi lilha trawmatizzawha hafna u f'dak il-kuntest allura nista' nghid li l-esperjenza trawmatika taghha bdiet meta kienet sew qabel iz-zmien ta' separazzjoni . . . li kellha fil-konfront ma' missierha.' (fol. 455)

A fol. 457 jinghad ukoll 'waqt li kif ghidt anke qabel jien wkoll li trawma zzid fuq ohra Nicola Cordina fi zmien tas-separazzjoni kienet gia persuna affettwata tremend. . . Din il-persuna ghax kienet gia trawmatizzata minn qabel, allura kienet vulnerabbli hafna, iva jista' jkun li s-separazzjoni affettwata. Nista' inzid, nista' nghid mod iehor, nista' nghid jekk kienet daqshekk affettwata minn missierha l-fatt li m'ghadhiex ma' missierha jista' jkun li suppost kellha aktar minn eight percent (8%) ghax il-fatt li nqatet minn ma' missierha allura naqas it-trawma u mhux zdied it-trawma. . . jigifieri ahna *eight percent* (8%) sibnieh wara dak it-terapija kollu, xorta affettwata u dak jien ghalija jindika car li din kienet perusna li giet affettwata minn qabel is-separazzjoni.

8. L-esperti jirreferu ghall-eta' fejn it-tfal jistghu facilment jigu trawmatizzati u jibqghu affettwati ghal hajjithom sa mill-eta ta' tliet snin u certament fl-eta' ta' tmien snin. (fol 505)

9. Dwar il-kapacita' akkademika tal-attrici jinghad kif isegwi:

'Fil-kaz taghha ghax it-trawmi kienu fl-izvilupp ta' kif qalet Ms. Galea fiz-zmien tant fragli u vulnerabbli fl-izvilupp taghha ghax ikun affetwa kemm mill-aspett konjittiv li thossha ma tistax tiffoka u tikkoncentra, kemm mill-aspett emozzjonali fejn il-messagg li qed jinghatalha li l-edukazzjoni huwa hazin u dan huwa kollu hela ta' zmien, dak lilha affetwaha b'mod li minhabba f'hekk ma setghetx tizviluppa l-kapacita' taghha akkademika f'dawk iz-zmien tant trawmatici.' (fol. 505)

9. Mistoqsija mill-Qorti jekk l-attrici kinitx qed tesagera l-esperjenza taghha minhabba l-kawza jikkonfermaw li kienet qed tghid il-verita' u li ma kinitx qed tezagera. (fol. 513)

**Konkluzjonijiet**

Illi minn dak kollu suespost jirrizulta lill-Qorti li tista' tghid li l-unika prova mressqa fl-atti li tikkontradixxi l-verzjoni tal-attrici, li hija sopportata min-numru ta' xhieda, rapporti u finalment ir-rapport tal-esperti mqabbda minn din il-Qorti, hija unikament dik tal-konvenut.

Illi meta Qorti tkun rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kunfliggenti, kif intqal fil-kawza fl-ismijiet **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**[1], ghandha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:

(i) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u

(ii) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima *actore non probante reus absolvitur*[2]

[1] App Civ (Sede Inferjuri) Nru : 290/2001 deciza fl-24 ta' Marzu 2004 .

[2] Ara sentenza fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma, Appell Sede Inferjuri deciza fit-22 ta' Novembru 2001

Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konviciment tal-gudikant[3].

Illi fil-kaz odjern l-Qorti ma ssibx li huwa difficli wisq biex wiehed jaghmel analizi ta' min qed jghid il-verita' f'dawn il-proceduri u min qed jghid biss dak li jaqbillu. Il-konvenut fix-xhieda tieghu tista' tghid jichad kwazi dak kollu mputat lilu imma jzomm lura ferm milli jaghti dettalji ta' x'fil-fatt kien jigri waqt li huwa kien ikun ma' wliedu wahdu jew flimkien ma' martu fid-dar matrimonjali. Ghajr ghall-fatt li l-konvenut jirrizulta li verament kien jahdem sieghat twal fir-*restaurant* u ghalhekk kien ikun ghajjien meta kien ikun id-dar u ghall-istess raguni kien jiehu hafna 'sick' mix-xoghol mal-Gvern (ghalkemm il-Qorti tifhem li fl-eta' tenera taghha ghall-attrici dan seta' jidher bhala li ma jahdimx jew li ghazzien), din il-Qorti ftit li xejn taghraf verita' fid-deposizzjoni tieghu li sahansitra hija kontradetta ferm mix-xhieda li ressaq hu stess, ezempju fejn huwa jichad li huwa kien jghajjat jew jidghi jew li kien jirrabja ma' uliedu meta hutu stess ikkontradixxewh f'dan kollu. Ta' rilevanza kbira hija x-xhieda ta' ohtu fl-atti tal-annullament tal-knisja Pawlina

Min-naha l-ohra l-verzjoni tal-attrici hija korroborata apparti minn ommha, minn diversi rapporti li saru anki snin qabel li nfethet din il-kawza u li ghalhekk zgur li ma sarux b'xi intenzjoni li dawn jintuzaw ghal din il-kawza izda unikament bl-intiza li tigi mghejjuna l-attrici jew familjari ohra fi zminijiet difficli li kienu jinsabu fihom. In oltre ta' mportanza hija x-xhieda tal-ghalliema taghha li ma ghandha l-ebda interess f'dawn il-proceduri li izda nsistiet li l-attrici quddiemha (fil-hames sena tal-iskola) kienet tkun imbezza' u tirtoghod u kienet tghidilha li tibza' minn missierha. Zgur li f'dik l-eta' tenera l-attrici ma kinitx qed taghti din l-informazzjoni lill-ghalliema ghaliex f'mohha kellha li xi darba tiftah kawza lill-missierha.

Din il-Qorti ssibha ferm difficli li timxi mat-tezi tal-konvenut ghaliex jekk taghmel hekk ifisser li x-xhieda kollha fl-atti kif ukoll id-diversi professjonisti li xehdu fl-atti kienu kollha qed jigdbu jew li b'xi mod dawn kienu kollha mifthema f'kolluzzjoni kontra l-konvenut izda dan evidentement mhux minnu. Bosta mix-xhieda u mill-professjonisti li xehdu fl-atti zgur li ma kellhom l-ebda nteress personali fil-kawza u ghalhekk il-Qorti hija propensa li temmen lil dawn ix-xhieda u mhux lill-konvenut li xehed biss dak li jaqbillu u xejn aktar.

Illi mill-provi mressqa, din il-Qorti hija konvinta fil-livell ta' prova ferm aktar minn dak rikjest mil-ligi f'dawn il-kawzi li l-attrici sofriet id-debilita' permanenti dikjarata mill-esperti unikament minhabba l-agir ta' missierha fil-konfront taghha specjalment fl-eta ta' meta kienet ghadha zghira u vulnerabbli u dan ferm qabel is-separazzjoni bejnu u omm l-attrici.

Illi l-konvenut jipprova jitfa' l-htija fuq omm l-attrici u l-agir taghha izda l-provi juru li omm l-attrici spiccat fis-sitwazzjoni li spiccat fiha u waqghet fil-vizzji minhabba l-agir tal-istess

[3] Kollez Vol L pII pg 440

konvenut fil-konfront taghha. Il-punt hu li kieku l-konvenut ma agixxiex bil-mod kif agixxa fil-konfront ta' martu u fil-konfront ta' bintu fl-ebda hin ma kienet tinqala' l-bzonn li ssir din il-kawza fil-konfront tieghu ghaliex l-attrici kienet tikber bhal kull tifla ohra normali u tghix hajjitha minghajr problemi. Fil-kawza fl-ismijiet **Linda Busuttil et. vs. Dr. Josie Muscat et**[4] wiehed mill-konvenuti prova jitfa t-tort fuq il-konvenuta l-ohra li kienet wettqet intervent kosmetiku fin-nuqqas tieghu ghaliex kien imsiefer izda dik il-Qorti qalet li primarjament l-obbligu li jwettaq l-intervent b'mod sew kien tieghu ghaliex hu ftiehem mal-attrici u ma jistax jigi ezonerat ghalhekk mid-danni sofferti ghar-raguni li finalment l-intervent ghamlitu persuna ohra mqabbda minnu stess. Fil-kaz odjern principalment il-konvenut kellu l-obbligu li jitratta lil martu u lil bintu b'mod sew u ma jistax jistrieh fuq in-nuqqasijiet ta' martu la darba dawn jirrizultaw li kienu konsegwenza tal-agir tieghu stess. Il-konvenut bhala genitur kellu l-obbligu li jindokra lil bintu u minflok ghamel hekk, agixxa b'mod abbusiv fil-konfront taghha ghal snin twal kemm verbalment kif ukoll fizikament u fl-istess hin ippermetta li l-attrici tkun prezenti ghall-agir abbusiv tieghu fuq martu. L-attrici f'eta tenera flok sabet komfort u kuragg minghand missierha li suppost kellu jkun il-persuna li zgur ma jaghmel l-ebda hsara lil bintu, sabet ruhha f'sitwazzjoni fejn l-aktar hsara li saret lilha meta kienet zghira giet proprjament mill-agir ta' missierha. Jirrizulta ghalhekk li l-konvenut agixxa bi ksur tal-artikolu 3B u 7 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

'3B (1) Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lill-ulied li jigu miz-zwieg skont il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.'

'7 (1) Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bl-mod stabbilit fl-artikolu 3B.'

Illi l-fatt li l-attrici konsegwenza tal-agir ta' missierha soffriet debilita' permanenti huwa konfermat mir-rapport tal-esperti mqabbda minn din il-Qorti fejn dawn tawha debilita ta' tmienja fil-mija (8%). Minn dak li rat fl-atti u minn dak li jirrizulta li ghaddiet minnu l-attrici din il-Qorti hija propensa tghid li tara dan il-persentagg ta' debilita' bhala wiehed baxx izda l-Qorti mihiex espert fil-psikjatija u l-psikologija u ser toqghod fuq il-konkluzjoni tal-esperti taghha, aktar u aktar meta r-rapport taghhom ma giex legalment kontradett. Din id-debilita' kif anki ampjament spjegat mill-esperti naqqset il-possibiltajiet akkademici tal-attrici b'rizultat li hija fil-fatt qed isoffri danni u ser tkompli ssoffri danni tul hajjitha kollha.

Illi fir-rigward tal-aspirazzjonijiet akkademici tal-attrici hija ssostni kemm fir-rikors guramentat taghha kif ukoll fin-nota ta' sottommissjonijiet li l-aspirazzjoni taghha kienet li ssir *accountant*. Pero' jirrizulta mill-atti anki mix-xhieda taghha a fol. 55 tal-process li l-aspirazzjoni li hija ssir *accountant* kienet meta hija kienet ghadha zghira hafna u maz-zmien l-aspirazzjonijiet taghha nbidlu u hija tghid li hija anki xtaqet issir 'psikologa' izda l-fatt li sabitha difficli biex iggib l-*O'levels* fejn sahansitra kienet ghadha qed taghmel l-*O'levels* fl-eta' ta' ghoxrin sena' zamma lura minn dawn l-aspirazzjonijiet. Minn dan kollu l-Qorti tifhem li

[4] 27 ta' Gunju, 2014 Appell Civili Numru. 2429/1998/1

ghalkemm mhux neccessarjament l-aspirazzjoni tal-attrici kienet li ssir *accountant* izda zgur li l-attrici minn dejjem kellha u ghad ghandha l-aspirazzjoni li hija tigradwa mill-Universita' u ghalhekk ikollha livell ta' edukazzjoni terzjarju. Sal-lum l-attrici jirrizulta li rnexxielha taghmel b'success kors ta' *care-worker* izda dan huwa ferm 'il boghod mil-livell terzjarju li l-attrici xtaqet tilhaq u li minhabba dak li ghaddiet minnu, sal-lum ghadha ma rnexxiliex tilhaq dan it-tragward. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mill-konvenut fin-nota tieghu li l-attrici ma hi qed taghmel xejn u qed tistenna l-'bajtra taqa f'halqa' ghaliex jirrizulta li sal-lum ghadha qed tinsisti sabiex ittejjeb l-edukazzjoni nonostante li sal-eta' ta' ghoxrin sena kienet ghadha qed taghmel ezamijiet li normalment isiru minn zaghzagh ta' hmistax-il sena. Li kieku l-attrici verament qed tistenna l-'bajtra taqa' f'halqa' allura kienet tiftah il-kawza u ma taghmel xejn aktar izda mill-atti jirrizulta li dan evidentement mhux minnu.

Illi in vista tal-provi kollha prodotti u ta' dak kollu suespost il-Qorti tqis ghalhekk illi l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attrici gew sodisfacentement ippruvati u jisthoqq li jigu milqugha.

**Danni**

Illi r-rapport tal-esperti mqabbda mill-Qorti jasal ghall-konkluzjoni li l-attrici ghandha debilita' ta' tmienja fil-mija (8%). Illi hu ormai pacifiku fil-gurisprudenza taghna li d-debilita' psikika hija daqstant reali bhal dik li teffettwa fizikament il-gisem. Dwar dan, il-Qorti tal-Appell fil-kaz "**Peter Sultana -v- Anthony Abela Caruana**[5] osservat hekk:

'Fi kliem iehor, ukoll jekk is-sintomi tal-attur ghandhom aktar mill-"psikologiku" milli mill-"organiku", xorta huma sintomi li tassew ihallu effett fuqu, fuq is-setghat tieghu, fuq il-mod kif ihares lejh innifsu u, ghalhekk, fuq il-kapacità tieghu li jahdem u li jimxi 'l quddiem fix-xoghol tieghu. Ihallu, ghalhekk ukoll, effett fuq dak li jinteressana f'din il- kawza: is-setgha tieghu li jaqla' l-flus. Dawn is-sintomi nholqu minhabba l-incident, u ghalhekk kien l-incident il-kawza diretta tat-telf li qed igarrab l-attur.'

Ghalhekk it-tmienja fil-mija (8%) debilita' permanenti sofferta mill-attrici tikwalifika leglament sabiex tigi kumpensata mill-persuna li tkun ikkawzata, f'dan il-kaz il-konvenut u dan ai termini tal-artikoli 1031 u 1032 (1) tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta:

'1031. Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara lli tigri bi htija tieghu.'

'1032 (1) Jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.'

Illi stabbilita r-rata ta' diżabbilta` applikabbli, l-Qorti se tghaddi issa għal-likwidazzjoni tad-danni. L-artikolu 1045 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

'1045 (1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skont id-

[5] 15 ta' Jannar 2002.

disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-ghemil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali, u t-telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba nkapacita' ghal dejjem totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib.

(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita' ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.'

*Damnum Emergens:*

Il-Qorti ssostni li b'applikazzjoni tal-principji kostantament enunzjati mill-Qrati hija m'ghandha ebda diskrezzjoni fir-rizarciment tat-telf effettivi konsistenti fi spejjez inkorsi minhabba l-hsara kagunata u t-telf ta' paga jew qliegh iehor attwali[6]. L-attrici fin-nota ta' sottommissjonijiet taghha ma titlobx u ma tindikax li hija soffriet danni bhala *Damnum Emergens* izda tindika biss danni *Lucrum Cessans*. Il-Qorti tqis li l-attrici setghet inkludiet l-ispejjez tal-psikjatri u psikologi li hija halset izda dawn ma gewx prezentati fl-atti anzi mill-atti ma jirrizultawx provi dwar telf soffert *Damnum Emergens,* ghalhekk ma jirrizultawx pruvati lill-Qorti dwar xi telf attwali sal-lum sofferti mill-attrici b'dan li ma hemm l-ebda *Damnum Emergens* x'jigi kwantifikat.

*Lucrum Cessans*

Illi mil-lat ta' gurisprudenza, hu ormai pacifiku li l-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija **Michael Butler vs Peter Christopher Heard**[7] li tat origini ghas-sistema' tal-'multiplier' ghadhom applikabbli sal-lum il-gurnata. Pero' l-principji enuncjati lura fis-sena 1967 gew tul is-snin aggustati ghaz-zminijiet aktar ricenti.

Fil-kawza **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et**[8] inghad kif isegwi:

"ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu".

Ghalhekk din is-sistema, ghalkemm mhux neccessarjament infallibli dejjem serviet bhala linja ta' gwida ghall-Qrati taghna, fl-assenza ta' soluzzjonijiet ohra anki ghaliex hu ghaqli li tinzamm uniformita' fis-sentenzi. Madanakollu l-Qrati taghna jikkustodixxu b'rigorozita' l-jedd li japplikaw gudizzju iktar ampju u wiesa' diskrezzjonali sabiex jigi zgurat il-gustizzja kemm mad-danneggjat kif ukoll ma' min jitqies responsabbli ghall-hsara u dan huwa permess anki mill-kliem uzat fl-artikolu 1045 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa ghalhekk li l-Qrati Maltin irritenew f'diversi sentenzi li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibbli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti fil-kawza Butler vs

[6] Ara- App. Civ. "Darren Sammut -v- Eric Zammit" - dec. fit-3 ta' Dicembru 2004
[7] Appell Civili 22 ta' Dicembru 1967.
[8] Appell Civili 16 ta' Novembru 1983.

Heard. Fil-kawza fl-ismijiet **Savona vs. Asphar**[9] gie ritenut li l-Qrati ghandhom juzaw:

'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi'

filwaqt li fil-kawza **Emnuel Mizzi vs. Carmel Attard** inghad illi:

'ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut'

u li

'dejjem għandu jkun hemm certu elasticita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabbilta'. [10]

In oltre, id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, li meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta għall-ebda revizjoni. Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta'.[11]

Il-kwistjoni tal-*multiplier* li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qliegh li jinghata d-danneggjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati taghna f'dawn l-ahhar zminijiet kellhom l-opportunita' li jiflu sew. Kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bhala:

*'A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue-that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the `contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases.'*[12]

Oltre dan, jirrizulta li s-sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qed ixaqilbu lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu jfixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkustanzi. Wiehed minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier,* fejn ghal numru kbir ta' snin dan ma kienx jaqbez l-ghoxrin (20) sena. Evidentement izda f'hafna mill-kazijiet fejn id-danneggjat ikun ta' eta' zghira dan il-kalkolu ma kienx qed ihalli rizultat gust u dan ghaliex il-Qorti fit-termini tal-istess artikolu 1045 ghandha tfittex qabel kollox li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel id-dannu subit. Ghalhekk illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-*multiplier* ghandu jkun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma

---

[9] Appell Civili 23 ta' Gunju 1952.
[10] 13 ta' Mejju 2003.
[11] Francis Sultana vs John Micallef et noe, Appell Civili 20 ta' Lulju 1994.

[12] Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), pag. 122.

u mhux ma' kriterji arbitrarji.[13]

Gie stabbilit ukoll li l-*multiplier* ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet id-dannu u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.[14]

In oltre fl-ammont finali kkomputat fid-diskrezzjoni tal-Qorti, l-istess Qorti ghandha thares lejn l-hekk imsejjha *chances and changes of life*:

'In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes' tal-hajja.'[15]

Fil-principju izda:

"L-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun soffrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn".[16]

Illi bil-ghan illi d-danneggjat ikun verament u realment ikkumpensat tad-danni li sofra, u dan apparti l-kuncett ta' *pain and suffering*, fil-kawza fl-ismijiet **Mary Bugeja vs George Agius**[17] inghad illi:

'Il-Qrati fil-pronuncjamenti taghhom dwar il-kriterji li ghandhom jintuzaw biex jippruvaw jaghmlu tajjeb għall-incertezzi li l-likwidazzjoni ta' danni f'kazijiet simili, dejjem jaghtu lok ghalihom li qatt ma jirrinunzjaw għall-fakolta' diskrezzjonali taghhom.'

Dik l-Onorabbli Qorti ppronunzjat ruhha li taqbel li ghandu jkun hemm certa elasticita' ta' kriterju ghaliex il-pronunzjament huwa wiehed ta' probabbilta':

'Id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss li meta tinghata b'sentenza mhix aktar soggetta ghall-ebda revizjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta'.

Fuq l-istess linja fil-kawza **Emanuel Agius vs Joseph Galea et nomine**[18] inghad illi:

"Il-Gustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta' u kemm huwa possibbli, terga' tpoggi l-vittma, ta' kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel. Huwa ngust li f'dawn il-kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma tal-att illegali u ngust ta'

---

13 Mary Bugeja nomine et vs George Agius noe, -Appell 26 ta' Lulju 1991, Vincent Axisa vs Alfred Fenech et, Prim'Awla 16 ta' April 1991.

14 Salvatore Mifsud vs. Carlo Camilleri, Appell Civili 16 ta' Novembru 1983.

15 Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace, Qorti tal-Appell 5 ta' Marzu 1986.

16 Borg pro et noe vs Muscat, Prim'Awla, 9 ta' Jannar 1973.

17 Appell 26 ta' Lulju 1991.

18 11 ta' Lulju 1989.

haddiehor m'huwiex possibbli, ma tassikurax kemm tista' jkun kompensazzjoni adegwata. Altru milli mprevist. L-ezercizzju huwa fuq ir-realta' sakemm hija prevedibbli a bazi ta' statistika u nduzzjoni'.

Illi ghalhekk jidher car li abbazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija fl-attitudini wiesgha mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm certi principji ghandhom jezistu u fil-fatt jezistu għas-soluzzjoni tal-istess, dawn izda m'ghandhomx jitqiesu bhala assoluti, u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, specjalment meta r-rizultat tal-applikazzjoni taghhom ma jwassalx għall-kumpens reali u adegwat.

Illi fil-kaz odjern fil-kalkolu taghha tal-*Lucrum Cessans* l-attrici tinsisti li din il-Qorti ghandha tiddikjara li huwa dovut lilha total ta' danni *Lucrum Cessans* ghas-somma ta' €700,812 u dan wara li hadmet id-differenza bejn il-paga attwali taghha bhala *care-worker* li tikkonsisti fis-somma basika annwali ta' €13,033 ghal dik medja (allegatament) ta' *accountant* u mmoltiplikata ghal 36 sena. L-attrici llum ghandha 24 sena. L-attrici izda fil-kalkolu taghha tinjora b'mod assolut illi d-debilita' permanenti dikjarata mill-esperti fl-atti hija dik ta' 8% u mhux aktar. B'dan il-mod l-attrici qed tippretendi li l-Qorti tiddipartixxi b'mod assolut minn dak li tippermetti l-ligi fl-artikolu 1045 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u l-mod kif dan gie applikat fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna tul is-snin. Il-Qorti izda ma taqbilx mas-sottomissjonijiet u l-kalkoli tal-attrici. Min- naha l-ohra fin-nota ta' sottommissjonijiet tieghu l-konvenut bl-ebda mod ma jidhol fuq il-kwistjoni tal-kwantifikazzjoni tad-danni sofferti mill-attrici bl-applikazzjoni tas-sistema tal-'multiplier'. Donnhom illi l-partijiet f'dan ir-rigward jinjoraw ghal kollox il-principji stabbiliti u applikabbli f'dawn il-kazijiet.

Illi in linea mal-artikolu 1045 u l-applikazzjoni tieghu fil-gurisprudenza hawn fuq kkwotata huwa minnu li l-Qorti ghandha tezercita' d-diskrezzjoni taghha sabiex sakemm huwa possibbli l-attrici titpogga fil-posizzjoni daqs li kieku hija ma sofrietx id-dannu izda din id-diskrezzjoni tal-Qorti zgur mihiex daqshekk wiesgha li l-Qorti ghandha l-fakolta' li tordna l-hlas ta' danni morali jew li tinjora l-grad ta' debilita' sofferta u taghti mija fil-mija danni lill-attrici kif tippretendi l-attrici fin-nota ta' sottommissjonijiet taghha. Il-Qorti ma tqisx li hija ghandha l-fakolta li tvarja d-debilita ta' 8% dikjarata mill-esperti u huwa dan il-persentagg li ghandu jintuza sabiex jigu kalkolati d-danni tal-attrici. In oltre, li kieku l-Qorti kellha timxi mal-kalkolu tal-attrici allura dan ifisser li l-Qorti tkun qed taccetta li l-attrici mhux ser tkun kapaci fis-snin futuri tilhaq l-aspirazzjonijiet taghha li tkompli tistudja, possibilment tattendi l-Universita' u tiggradwa meta minn dak li rat fl-atti l-attrici tinsab fit-triq it-tajba li, ghalkemm tard, jirnexxiela tilhaq tali aspirazzjoni u tinkoragixxi lill-attrici sabiex taghmel hilitha biex jirnexxiela fl-aspirazzjonijiet taghha nonostante dak li ghaddiet minnu. Fuq dan il-punt il-Qorti ma tistax ma tikkumentax dwar is-sottommissjonijiet tal-konvenut li fin-nota tieghu jqabbel lill-attrici ma' persuna li titwieled b'disabilita' u li skont hu xorta hawn min jirnexxielu fl-aspirazzjonijiet tieghu. Hemm bahar jaqsam bejn persuna li titwieled b'disabilita' u li ghalhekk hadd ma jahti ghas-sitwazzjoni ta' dik il-persuna u l-attrici li spiccat fis-sitwazzjoni li spiccat minhabba l-agir ta' missierha fil-konfront taghha u xejn aktar.

In vista ta' dak suespost l-Qorti tifhem li ma jkunx gust u lanqas reali jekk id-disabilita' tal-attrici tigi kkalkolata fuq il-paga prezenti taghha u dan ghaliex f'kaz normali, sal-lum, fl-eta ta' 24 sena l-attrici kienet tkun gradwat jew waslet biex tiggradwa u ghalhekk realistikament il-paga taghha kienet ser tkun ta' persuna gradwata u mhux dik li ghandha llum. Izda l-attrici marret ben oltre u hadmet il-*lucrum cessans* fuq il-paga medja ta' *accountant* ta' madwar €35,000 fis-sena meta hareg car mix-xhieda tal-attrici li l-aspirazzjonijiet taghha ma kienux fuq din il-linja. Il-Qorti tqis li kienet x'kienet l-aspirazzjoni tal-attrici, sabiex is-somma likwidata kemm jista jkun tersaq lejn ir-realta' ghandha tittiehed *arbitrio boni viri* paga bazi ta' mill-anqas €23,000 fis-sena, paga li *presso a poco* kull gradwat ghandu mill-anqas ikollu fir-realta' tal-hajja tal-lum.

Ghal dak li jirrigwarda snin ta' hidma l-Qorti tqis li l-eta' ta' 24 hija dik medja li normalment persuna tigradwa u b'hekk l-aspettativa tal-paga tibda' minn dik l-eta' u mhux qabel nonostante li d-debilita' giet sofferta ferm qabel. Inzerta li effettivament fid-data tal-gudikat odjern l-attrici fil-fatt ghandha l-eta' ta' 24 sena. L-aspettativa ta' hajja lavorattiva tal-attrici hija l-eta ta' 65, cioe' l-eta' tal-pensjoni. Ghalhekk il-kalkolu ghandu jkun ta' **€23,000 x 8% x 41 = €75,440.**

Tnaqqis minhabba lump sum payment:

Illi dwar il-lump sum fil-kawza fl-ismijiet **Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe**[19] gie deciz hekk:

'Fir-rigward tar-riduzzjoni ghal-*lump sum payment* il- Qorti... jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija (20%) ghal-*lump sum payment*' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tliet snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data'.

Il-Qorti tal-Appell, fil-kaz **Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri** deciza fis-27 ta' Frar 2004 iddikjarat illi:

'Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba *lump sum payment* id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv'

Fil-kawza **Joseph Agius v All Services Ltd**[20]:

'f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa (*lump sum payment*) lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni, pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza.'

---

[19] Prim'Awla, 5 ta' Ottubru 1995.
[20] Prim Awla, 2 ta' Gunju 2005.

Illi fil-kaz odjern d-debilita′ sofferta mill-attrici sehhet fl-infanzja taghha u sakemm hija ghalqet l-eta′ ta′ tmintax-il sena hija ma kinitx f′posizzjoni li tiftah il-kawza. In oltre l-kawza ilha miftuha sa mis-sena 2008. Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti fic-cirkustanzi ma tqisx li jkun gust li jitnaqqas xi persentagg tal-*lump sum.*

*'Changes and changes of life':*

Fir-rigward ta′ *chances and changes of life* stante d-dubju reali dwar jekk l-attrici ghadx jirnexxielha xi darba tilhaq l-aspirazzjonijiet taghha minhabba l-problemi u diffikultajiet li hija tinfaccja kuljum konsegwenza tad-debilita permanenti sofferta minnha din il-Qorti tqis li ghandu jigi applikat persentagg ta′ 10% biex b′hekk is-somma titla′ ghal €75,440 + 7,544 = €82,984.

**Decizjoni**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta′ u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut li ghadhom in vigore sad-data ta′ dan il-gudikat, tilqa' t-talbiet kollha attrici u

1. tillikwida d-danni sofferti mill-attrici Nicola Portelli b'rizultat tal-agir ta′ missierha l-konvenut Michael Angelo Cordina ghas-somma ta′ tnejn u tmenin elf, disa′ mija u erbgha u tmenin Euro (€82,984).

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici din is-somma hekk likwidata ta' tnejn u tmenin elf, disa′ mija u erbgha u tmenin Euro (€82,984) bl-imghaxijiet legali dekorribbli millum sad-data tal- pagament effettiv.

L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------